**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 27**
**It-Tnejn, 3 ta' Ottubru, 2022 fl-4:00 p.m.**

**KLABB TAL-FUTBOL - ART**

**438. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-pjanijiet biex il-futbol klabb li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament jingħata l-art u l-fondi li kienu twiegħdu lill-klabb biex jibnu grawnd tal-futbol u club house?

17/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li wara li nkisbu l-permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar u wara li l-proċess tat-tender tax-xogħlijiet għadda mill-istadju ta' appell, fil-ġranet li ġejjin ser jinbeda x-xogħol fuq proġett sportiv fil-Higher Secondary. Dan il-proġett għandu l-għan li filwaqt li filgħodu jintuża mill-istudenti, wara l-ħin tal-iskola jintuża mill-klabb u mill-istess nursery.

Seduta 27
03/10/2022

**STALLAZZJONI TA' NEW WATER**

**439. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid l-inħawi u t-toroq li fihom se jiġi istallat New water? Tista' tinforma kemm se jiswa dan? Kemm se jdum biex jiġi finalizzat?

17/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol relatat fuq id-distribuzzjoni ta' l-ilma tan-New Water huwa maqsum fi tliet żoni, dak fin-Nofsinhar, fit-Tramuntana u dak f'Għawdex. It-toroq fejn sar jew qed isir ix-xogħol huma dettaljati fil-lista li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Il-proġett tan-New Water qed isir b'investiment ta' 25 miljun ewro. Dan il-proġett innovattiv qed iwassal biex iżjed bdiewa jkollhom aċċess għal ilma riċiklat, b'benefiċċji ambjentali diretti. Mhux se nieqfu hawn, beħsiebna nkomplu ninvestu biex insaħħu dak li bdejna.

Seduta 27
03/10/2022

**IL-MELLIEĦA - IMPJANT TAT-TRATTAMENT TAD-DRENAĠĠ FIĊ-ĊUMNIJA**

**440. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk l-impjant tat-Trattament tad-Drenaġġ fiċ-Ċumnija Mellieħa hux qed jaħdem bil-kapaċità sħiħa, u jekk kienx operat lil hinn mill-kapaċità sħiħa? Jekk iva x'sar bid-drenaġġ żejjed li ma ġiex ittrattat? Jekk b'kapaċità sħiħa ta' 80%, x'inhuma l-pjanijiet biex l-impjant jiġi aġġornat, meta se jiġri dan u x'se jkun?

17/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-impjant taċ-ċumnija fil-Mellieħa qed jitħaddem fil-kapaċità massima tiegħu għal ħinijiet twal. Meta jkun hemm ċirkostanzi li minħabba skeda ta' manutenzjoni ppjanata, problemi tekniċi mhux previsti, jew żieda ta' xi nfluss fid-dranaġġ assoċjati ma' attività mhux normali (bħal ammont kbir ta' xita) dan joħloq sfida.

Hu għalhekk li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma poġġiet 'il quddiem pjan ta' azzjoni biex dan l-impjant jiġi upgraded biex ilaħħaq mad-domanda li qed tiżdied f'dawn iż-żoni. Dan il-pjan hu maħsub li jitlesta bejn l-2025-2026.

Seduta 27
03/10/2022

**IL-MELLIEĦA - TRIQ IT-TABIB JOSEPH GRECH ATTARD**

**441. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta se tinbeda Triq Tabib Joseph Grech Attard Mellieħa? Jista' jgħid jekk it-tender inħariġx u jekk iva din ġietx mogħtija lill-kuntrattur? Inħarġu l-permessi minn Infrastructure Malta?

17/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 21894 tal-leġiżlatura li għaddiet.

Seduta 27
03/10/2022

**L-GĦADIRA - TRIQ ID-DENĊI - XOGĦLIJIET**

**442. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali:
Jista' l-Ministru jgħid meta se jibdew ix-xogħlijiet fit-Triq id-Denċi l-Għadira, jekk iż-żona se ssir sigura għar-residenti, u meta se jiġri dan?

17/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-triq li qed issir referenza għaliha hija triq ġdida b'għadd ta' bini li għad irid jiġi żviluppat. L-iżviluppaturi ta' dan il-bini residenzjali għadhom ma ffurmawx it-triq hekk kif stabbilit mill-liġi. Infrastructure Malta tkun tista' tgħaddi s-servizzi u tlesti l-wiċċ ta' din it-triq bl-asfalt hekk kif l-izviluppaturi konċernati jkun ffurmawha b'mod sħiħ, bħal ma jiġri f'kull triq ġdida oħra.

Seduta 27
03/10/2022

**BORD NAZZJONALI TAL-IMPJIEGI - APPELLI**

**656. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jispjega għaliex l-appelli li qed jinstemgħu quddiem il-Bord Nazzjonali tal-Impjiegi, jintbagħtu lit-Tribunal Industrijali meta jkunu jistgħu jiġu evalwati faċilment mill-Bord? Jista' l-Ministru jispjega jekk din qattx kienet il-prattika komuni u jekk iva għaliex waqfet?

20/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi primarjament irid jingħad illi l-Appelli li tittratta l-Awtorita Nazzjonali tax-Xogħol (NEA) huma dwar deċiżjoni li tkun ħadet Jobsplus fil-konfront tal-Appellant. Fid-drabi fejn l-Appellant ikun qed jikkontesta l-fatt li ma jkunx tħalla jirreġistra fuq Part 1 u r-raġuni tkun għaliex l-Appellant ikun qiegħed jikkontendi li jkun tkeċċa b'mod inġust, u fejn allura jkun qed jikkontesta t-tkeċċija, l-Appellant jinġieb konxju li tali kontestazzjoni tista issir **biss** quddiem it-Tribunal Industrijali. U dan kif stipulat fl-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrjali (Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta) u proprju l-artikolu 75 ta' dan l-Att jgħid li:
"75 (1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrjali jkollu l-ġurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeċiedi – '**il-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta".**
Jekk it-Tribunal Industrjali jiddeciedi li t-tkeċċija tkun saret b'mod inġust, l-Appellant jinforma lill-NEA u awtomatikament l-Appell li jkun għamel magħha jkun milqugħ u Jobsplus tkun notifikata u l-Appellant jitħalla jirregistra fuq Part 1.
Jekk it-Tribunal Industrjali jkun iddeċieda li t-terminazzjoni tkun saret b'mod ġust, l-Appell quddiem l-NEA ikun dikjarat mhux milqugħ.
Fejn l-Appellant minkejja li jkun qed jallega quddiem l-NEA li jkun tkeċċa b'mod inġust, jiddeċiedi li ma jressaqx il-każ tiegħu quddiem it-Tribunal Industrjali, l-Appell ikun dikjarat bħala wieħed mhux milqugħ.
Il-Bord tal-NEA ma' jibgħatx każijiet quddiem it-Tribunal Industrjali, iżda jkun l-Appellant li jiddeciedi jekk jintavolax il-każ tiegħu quddiem tali Tribunal.

Seduta 27
03/10/2022

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAD-DJALOGU SOĊJALI – DIRECT ORDERS**

**970. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru permezz tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali jgħid kemm ingħataw direct orders u l-ammont totali tal-valur tagħhom, matul din is-sena (sal-ġurnata li qed tingħata din it-tweġiba), xahar b'xahar, mis-Segretarjat Parlamentari konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

26/05/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 918.

Seduta 27
03/10/2022

**EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-FONDI EWROPEJ – DIRECT ORDERS**

**971. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej jgħid kemm ingħataw direct orders u l-ammont totali tal-valur tagħhom, matul din is-sena (sal-ġurnata li qed tingħata din it-tweġiba), xahar b'xahar, mis-Segretarjat Parlamentari konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

26/05/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 27
03/10/2022

**EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – DIRECT ORDERS**

**972. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru permezz tas-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jgħid kemm ingħataw direct orders u l-ammont totali tal-valur tagħhom, matul din is-sena (sal-ġurnata li qed tingħata din it-tweġiba), xahar b'xahar, mis-Segretarjat Parlamentari konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

26/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 27
03/10/2022

**WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-GVERN LOKALI – DIRECT ORDERS**

**973. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali jgħid kemm ingħataw direct orders u l-ammont totali tal-valur tagħhom, matul din is-sena (sal-ġurnata li qed tingħata din it-tweġiba), xahar b'xahar, mis-Segretarjat Parlamentari konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha?
26/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 27
03/10/2022

**INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – DIRECT ORDERS**

**974. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru permezz tas-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza jgħid kemm ingħataw direct orders u l-ammont totali tal-valur tagħhom, matul din is-sena (sal-ġurnata li qed tingħata din it-tweġiba), xahar b'xahar, mis-Segretarjat Parlamentari konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha?

26/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 27
03/10/2022

**AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAS-SAJD, L-AKWAKULTURA U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – DIRECT ORDERS**

**975. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru permezz tas-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali jgħid kemm ingħataw direct orders u l-ammont totali tal-valur tagħhom, matul din is-sena (sal-ġurnata li qed tingħata din it-tweġiba), xahar b'xahar, mis-Segretarjat Parlamentari konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha?

26/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 27
03/10/2022

**ĦAL LUQA – PROĠETTI PPJANATI**

**1239. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid xi proġetti hemm ippjanati f'Ħal Luqa biex jattiraw aktar turisti lejn in-naħa t'isfel ta' Malta? F'każ ta' proġetti ppjanati, kemm hu l-baġit ippjanat li jintnefaq fuq kull proġett u meta hemm il-ħsieb li se jibda u jispiċċa dan ix-xogħol?

01/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ser ikun qed jitħejja pjan ai termini tal-Istrateġija Maltija għat-Turiżmu sabiex jiġi estiż il-brandfootprint ta' Malta f'termini ta' turiżmu u b'hekk jiġu identifikati proġetti f'diversi żoni madwar il-pajjiż.

Seduta 27
03/10/2022

**WIED IŻ-ŻURRIEQ - MULTI-LEVEL PARKING**

**1240. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ippjanat li jsir multi-level parking fil-parkeġġ eżistenti ta' Wied iż-Żurrieq peress li preżentement fil-maġġor parti tiegħu l-ispazju hu riservat għal coaches? Jistgħu fil-frattemp jiġu identifikati żoni oħra f'Wied iż-Żurrieq stess, li fihom jistgħu jiġi pprovdut tali parkeġġi biex fin-nuqqas ta' turisti li ġejjin minn barra l-pajjiż, aktar Maltin iżuru dan il-post turistiku sakemm isir dan il-multi-level parking?

01/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Transport Malta qiegħda tevalwa l-possibilitajiet differenti fir-rigward ta' din iż-żona flimkien ma' Infrastructure Malta.

Seduta 27
03/10/2022

**WIED IŻ-ŻURRIEQ - MULTI-LEVEL PARKING**

**1241. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ippjanat li jsir multi-level parking fil-parkeġġ eżistenti ta' Wied iż-Żurrieq peress li preżentement fil-maġġor parti tiegħu l-ispazju hu riservat għal coaches? Jista' fil-frattemp jiġu identifikati żoni oħra f'Wied iż-Żurrieq stess, li fihom jistgħu jiġi pprovdut tali parkeġġi biex fin-nuqqas ta' turisti li ġejjin minn barra l-pajjiż, aktar Maltin iżuru dan il-post turistiku sakemm isir dan il-multi-level parking?

01/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18572 tal-Leġiżlatura XIII.

Seduta 27
03/10/2022

**WIED IŻ-ŻURRIEQ – SERVIZZ ĊIRKOLARI B'VETTURI TAT-TRASPORT PUBBLIKU**

**1242. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk matul is-sajf li ġej hux ser jerġa' jitnieda servizz ċirkolari b'vetturi tat-trasport pubbliku minn u lejn iż-żona ta' Wied iż-Żurrieq biex tiġi evitata konġestjoni fil-parkeġġ imsemmi?

01/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rotta li qiegħed jagħmel riferenza għaliha mhux ser tkun qed topera din is-sena imma din l-akwata hija servuta s-sena kollha bir-rotta 201 li topera kull siegħa u bir-rotta 74 li sservi din il-lokalità fil-perjodu tas-sajf.

Seduta 27
03/10/2022

**ŻURRIEQ – TOROQ – XOGĦOL MINN INFRASTRUTTURA MALTA**

**1243. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid liema toroq ser isir ix-xogħol fuqhom fil-lokalità taż-Żurrieq minn Infrastruttura Malta, separatament, hekk kif ġej minn Ġunju 2022 sa Ġunju 2023:
(a) toroq li ser jinbnew mill-ġdid għax qatt ma sar xogħol fihom;
(b) toroq li ser jinbnew mill-ġdid għax għalkemm kellhom diġà wiċċ, jinsabu f'sitwazzjoni ħażina; u
(ċ) toroq li ser isirilhom wiċċ ġdid biss?

Jista' l-Ministru jagħti, għal kull lista hawn fuq imsemmija, jekk dawn humiex toroq:
(a) arterjali;
(b) distributorji;
(ċ) maġġuri;

(d) residenzjali; jew
(e) toroq li qatt ma sarilhom wiċċ?

Jista’ jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra pjanta ta' kull triq li ser issir li tindika minn fejn sa fejn ser isir ix-xogħol kif ukoll jindika jekk hux ser isiru servizzi bħal drenaġġ, mains tal-ilma, cables tad-dawl eċċ., jew jekk hux ser jinbidlu f'każ li dawn diġà jeżistu? Jista’ l-Ministru jgħid jekk hux ser isiru service ducts f'dawn it-toroq u għalhekk jekk servizz li bħalissa huwa għaddej mal-faċċata tad-djar tar-residenti humiex ser jiġu trasferiti f'dawn is-service ducts? Jista’ l-Ministru għid jekk hux ser isiru water culverts f'dawn it-toroq? Jista’ l-Ministru jgħid meta ser jibda u jispiċċa x-xogħol fuq kull triq u kemm ġejja tiswa kull triq? Kif ser tiġi ffinanzjata kull triq, minn fondi lokali jew minn fondi tal-Unjoni Ewropea?

01/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta qed twettaq ħafna proġetti biex ittejjeb is-sigurezza u s-sostenibilità tas-sistema tat-toroq ewlenin, toħloq infrastruttura ta’ kwalità u ambjent aħjar fit-toroq residenzjali f’kull lokalità u tibni mill-ġdid ukoll ħafna toroq sekondarji oħra, fosthom kilometri ta’ toroq rurali fil-kampanja. Dan l-investiment qed iħalli l-frott mixtieq, b’diversi toroq residenzjali diġà mibnijin mill-ġdid u b’ħafna proġetti ta’ titjib fit-toroq ewlenin tas-sistema tat-trasport bl-art f’pajjiżna.

Infrastructure Malta qiegħda tikkollabora mal-entitajiet rispettivi biex qabel ma jsir il-wiċċ tat-triq jiġu mtejbin jew mibdulin, skont ma jkun meħtieġ, is-sistemi tad-distribuzzjoni tas-servizzi li hemm għaddejjin minn taħt l-art, bħal pajpijiet tal-ilma, katusi tad-drenaġġ, spralli u pajpijiet għall-ilma tax-xita, cables tal-elettriku u pajpijiet għall-cables tal-Internet u servizzi oħrajn tat-telekomunikazzjoni.

Fil-lokalità taż-Żurrieq, l-aġenzija diġà bniet mill-ġdid u għamlet titjib fi triq ġdida fi Triq Sant’Agata, Triq San Martin, Triq l-Għerien, Sqaq Barċellona, Triq il-Mitħna, Triq Ganu, Triq E Grach, Triq il-Qroll, Triq Antonia Farrugia, Sqaq Rikka, Triq il-Qortin, triq bla isem ħdejn Triq il-Belt Valletta, Sqaq il-Waħx, Triq il-Wardija u triq bla isem ħdejha, Triq Franġisk Coleiro, Triq Wied Fulija u Triq Ħal Millieri.

Din il-lokalità ser tibbenefika wkoll mill-ikbar zewġ proġetti li Infrastructure Malta qed taħdem fuqhom din is-sena fit-toroq arterjali, il-Kirkop Tunnels and Airport Intersection Project (KTAIP) u Luqa Junction Project li ser itejbu l-junctions prinċipali ta’ Ħal Luqa u l-Gudja fir-rotta ewlenija lejn l-Ajruport. Iz-zewġ proġetti ser itejbu l-ħin tal-ivvjaġġar u jnaqqsu t-tniġġis tat-traffiku fl-inħawi tal-madwar. Fiz-Zurrieq bħalissa qegħdin isiru wkoll Triq is-Sienja, Triq Espeditu Deguara, Triq Frnacis Falzon, Triq San Ġorġ Preca u Triq ¯akkarija Roncali, waqt li fiż-żmien li ġej se jinbdew xogħljiet fi Triq Hompesch, Triq il-Midra Bubaqra, Triq l-Għarajex, triq ġdida fi Triq Fulija u Triq Madonna tal-Ħniena.

Seduta 27
03/10/2022

**ĦAL KIRKOP – TOROQ – XOGĦOL MINN INFRASTRUTTURA MALTA**

**1244. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista’ l-Ministru jgħid liema toroq ser isir ix-xogħol fuqhom fil-lokalità ta’ Ħal Kirkop minn Infrastruttura Malta, separatament, hekk kif ġej minn Ġunju 2022 sa Ġunju 2023:
(a) toroq li ser jinbnew mill-ġdid għax qatt ma sar xoghol fihom;
(b) toroq li ser jinbnew mill-ġdid għax għalkemm kellhom diġà wiċċ, jinsabu f'sitwazzjoni ħażina; u
(ċ) toroq li ser isirilhom wiċċ ġdid biss?

Jista’ l-Ministru jagħti, għal kull lista hawn fuq imsemmija, jekk dawn humiex toroq:
(a) arterjali;
(b) distributorji;
(ċ) maġġuri;
(d) residenzjali; jew
(e) toroq li qatt ma sarilhom wiċċ?

Jista’ jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra pjanta ta' kull triq li ser issir li tindika minn fejn sa fejn ser isir ix-xogħol kif ukoll jindika jekk hux ser isiru servizzi bħal drenaġġ, mains tal-ilma, cables tad-dawl eċċ., jew jekk hux ser jinbidlu f'każ li dawn diġà jeżistu? Jista’ l-Ministru jgħid jekk hux ser isiru service ducts f'dawn it-toroq u għalhekk jekk servizz li bħalissa huwa għaddej mal-faċċata tad-djar tar-residenti humiex ser jiġu trasferiti f'dawn is-service

ducts? Jista' l-Ministru għid jekk hux ser isiru water culverts f'dawn it-toroq? Jista' l-Ministru jgħid meta ser jibda u jispiċċa x-xogħol fuq kull triq u kemm ġejja tiswa kull triq? Kif ser tiġi ffinanzjata kull triq, minn fondi lokali jew minn fondi tal-Unjoni Ewropea?

01/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li Infrastructure Malta qed twettaq ħafna proġetti biex ittejjeb is-sigurezza u s-sostenibilità tas-sistema tat-toroq ewlenin, toħloq infrastruttura ta' kwalità u ambjent aħjar fit-toroq residenzjali f'kull lokalità u tibni mill-ġdid ukoll ħafna toroq sekondarji oħra, fosthom kilometri ta' toroq rurali fil-kampanja. Dan l-investiment qed iħalli l-frott mixtieq, b'diversi toroq residenzjali diġà mibnijin mill-ġdid u b'ħafna proġetti ta' titjib fit-toroq ewlenin tas-sistema tat-trasport bl-art f'pajjizna.

Infrastructure Malta qiegħda tikkollabora mal-entitajiet rispettivi biex qabel ma jsir il-wiċċ tat-triq jiġu mtejbin jew mibdulin, skont ma jkun meħtieġ, is-sistemi tad-distribuzzjoni tas-servizzi li hemm għaddejjin minn taħt l-art, bħal pajpijiet tal-ilma, katusi tad-drenaġġ, spralli u pajpijiet għall-ilma tax-xita, cables tal-elettriku u pajpijiet għall-cables tal-Internet u servizzi oħrajn tat-telekomunikazzjoni.

Fil-lokalità ta' Ħal Kirkop, l-aġenzija diġà bniet mill-ġdid u għamlet titjib fi Triq San Benedittu, Triq il-Lewziet, Triq iz-Zebbiegħ u Triq San Nikola.
Din il-lokalità ser tibbenefika wkoll mill-ikbar zewġ proġetti li Infrastructure Malta qed taħdem fuqhom din is-sena fit-toroq arterjali, il-Kirkop Tunnels and Airport Intersection Project (KTAIP) u Luqa Junction Project li ser itejbu l-junctions prinċipali ta' Ħal Luqa u l-Gudja fir-rotta ewlenija lejn l-Ajruport. Iz-zewġ proġetti ser itejbu l-ħin tal-ivvjaġġar u jnaqqsu t-tniġġis tat-traffiku fl-inħawi tal-madwar. F'Ħal Kirkop fiz-zmien li ġej se jinbdew ukoll xogħljiet fi Triq Nerik Xerri.

Seduta 27
03/10/2022

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – SEGRETARJU PERMANENTI – PAKKETT FINANZJARJU U KWALIFIKI AKKADEMIĊI**

**1740. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'pakkett finanzjarju għandu s-Segretarju Permanenti tiegħu? Il-pakkett finanzjarju jinkludi allowances u perkaċċi oħra? Jista' jgħid ukoll xi kwalifiki akkademiċi għandu s-Segretarju Permanenti?

20/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni hi diġà pubblika. Din tinstab fl-Estimi Finanzjarji tal-2022, li tpoġġew diġà fuq il-Mejda tal-Kamra fl-aħħar leġiżlatura, u fuq is-sit uffiċjali tas-Servizz Pubbliku. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-bijografija tas-Segretarju Permamenti fi ħdan il-Ministeru.

Seduta 27
03/10/2022

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – SEGRETARJAT PRIVAT – KWALIFIKI AKKADEMIĊI**

**1741. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom il-persuni li jiffurmaw is-segretarjat privat tiegħu, mill-Head of Secretariat 'l isfel, skont l-official designation li għandhom?

20/06/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-persuni li jiffurmaw is-segretarjat privat tiegħi u tas-Segretarju Parlamentari huma ingaġġati skont il-manwal li kopja tiegħu qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 27
03/10/2022

**DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA – SEGRETARJAT PRIVAT – KWALIFIKI AKKADEMIĊI**

**1742. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom il-persuni li jiffurmaw is-segretarjat privat tiegħu, mill-Head of Secretariat 'l isfel, skont l-official designation li għandhom?

20/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-persuni li jiffurmaw is-Segretarjat privat tiegħi huma ingaġġati skont il-Manwal, li kopja tiegħu tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 27
03/10/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – SEGRETARJAT PRIVAT – KWALIFIKI AKKADEMIĊI**

**1743. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom il-persuni li jiffurmaw is-segretarjat privat tiegħu, mill-Head of Secretariat 'l isfel, skont l-official designation li għandhom?

20/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-persuni li jiffurmaw is-Segretarjat privat tiegħi u tas-Segretarju Parlamentari huma ingaġġati skont il-Manwal, li kopja tiegħu tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 27
03/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ – SEGRETARJAT PRIVAT – KWALIFIKI AKKADEMIĊI**

**1744. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom il-persuni li jiffurmaw is-segretarjat privat tiegħu, mill-Head of Secretariat 'l isfel, skont l-official designation li għandhom?

20/06/2022

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-persuni li jiffurmaw is-Segretarjat privat tiegħi huma ingaġġati skont il-Manwal, li kopja tiegħu tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 27
03/10/2022

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – SEGRETARJAT PRIVAT – KWALIFIKI AKKADEMIĊI**

**1745. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom il-persuni li jiffurmaw is-segretarjat privat tiegħu, mill-Head of Secretariat 'l isfel, skont l-official designation li għandhom?

20/06/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-persuni li jiffurmaw is-Segretarjat privat tiegħi huma ingaġġati skont il-Manwal, li kopja tiegħu tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 27
03/10/2022

**DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET – FIDI TAT-TITOLU "POSSESSION AND USE"**

**1947. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 1483, jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar il-proċedura li fil-preżent qed tiġi adottata sabiex ikun hemm il-fidi tat-titolu ta' Possession and Use?

22/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proċedura adattata, f'każijiet fejn l-art hija miżmuma b'pussess u użu, hija skont l-artikolu 69 tal-Kap. 573, fejn issir valutazzjoni tal-fond, u l-valur li jittieħed huwa l-ammont illi l-art tista' ġġib kieku din kellha tigi mibjugħa minn sidha volontarjament fil-mument li toħroġ id-dikjarazzjoni.

Seduta 27
03/10/2022

**DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET – PROPRJETAJIET F'IDEJN IL-GVERN TAĦT IT-TITOLU "POSSESSION AND USE"**

**1948. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra kemm hemm proprjetajiet li fil-mument jinsabu f'idejn il-Gvern taħt it-titolu ta' Possession and Use?

22/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-proprjetajiet li jinsabu f'idejn il-Gvern taħt t-titolu ta' Possession and Use sal-lum 30 ta' Settembru 2022 huma 91.

Seduta 27
03/10/2022

**DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET – PAGAMENTI TA' PROPRJETAJIET F'IDEJN IL-GVERN TAĦT IT-TITOLU "POSSESSION AND USE"**

**1949. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra kemm ħarġu pagamenti sal-aħħar tas-sena 2021 fir-rigward tal-proprjetajiet li fil-mument jinsabu f'idejn il-Gvern taħt it-titolu ta' Possession and Use?

22/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sal-aħħar tas-sena 2021 inħareġ l-ammont ta €32,004.65.

Seduta 27
03/10/2022

**ĦAL TARXIEN - TRIQ SANTA MARIA – TINDIF TA' SPRALLI**

**1950. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jara u jagħti d-direzzjoni neċessarja sabiex tul is-sajf isiru x-xogħlijiet neċessarji ta' tindif tal-ispralli li jinsabu fi Triq Santa Maria, Tarxien mill-kantuniera ta' Triq is-Sorijiet sa Triq l-Iskola?

22/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din il-mistoqsija għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 27
03/10/2022

**ĦAL TARXIEN - TRIQ SANTA MARIA – TINDIF TA' SPRALLI**

**1951. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jara u jagħti d-direzzjoni neċessarja sabiex tul is-sajf isiru x-xogħlijiet neċessarji ta' tindif tal-ispralli li jinsabu fi Triq Santa Maria, Tarxien mill-kantuniera ta' Triq is-Sorijiet sa Triq l-Iskola?

22/06/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jindirizza l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 27
03/10/2022

**ĦAL TARXIEN - TRIQ SANTA MARIA – TINDIF TA' SPRALLI**

**1952. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara u jagħti d-direzzjoni neċessarja sabiex tul is-sajf isiru x-xogħlijiet neċessarji ta' tindif tal-ispralli li jinsabu fi Triq Santa Maria, Tarxien mill-kantuniera ta' Triq is-Sorijiet sa Triq l-Iskola?

22/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien illi l-ispralli kollha tal-lokalità ta' Ħal Tarxien tnaddfu kollha mill-Kunsill Lokali matul ix-xahar ta' Awwissu 2022.

Seduta 27
03/10/2022

**ŻURRIEQ – LISTA TA' XOGĦLIJIET**

**2092. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2001, jista' l-Ministru jikkonferma li meta jinqalgħu t-toroq minħabba l-proġett għat-taffija tal-għargħar, mhux se jinbidlu servizzi oħrajn għaliex jew ilhom li ġew installati jew għaliex għandhom il-ħsara?

30/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'referenza għall-Mistoqsija Parlamentari 2092 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 27
03/10/2022

**STUDJU DWAR L-ILMA TAX-XITA LI JISPIĊĊA FIL-BAĦAR**

**2093. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2002, tista' l-Ministru tgħid meta sar l-aħħar studju dwar l-ammont ta' ilma tax-xita li jispiċċa l-baħar u tqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra?

30/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Enemalta għaddejja b'programm vast ta' xogħlijiet biex issaħħaħ is-sistema tad-distribuzzjoni inkluż f'Ħal Qormi. Fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju saru xogħlijiet ta' bbilanċjar fuq il-*low voltage* fi Triq Belliċ. Sa nofs Ottubru huwa ppjanat li jitlesta x-xogħol ta' rinfurzar inkluż tqiegħed ta' *LV feeder* ġdid. Dan għandu isaħħaħ id-distribuzzjoni tal-elettriku fi Triq San Edwardu.

Seduta 27
03/10/2022

**IMPJANTI TAL-KONKOS – ILMA TAL-PJAN**

**2094. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm ittella' ilma mill-ilma tal-pjan mill-impjanti tal-konkos u b'liema rata medja għal kull sena dan inxtara, maqsuma sena b'sena, mill-2011 sal-2021?

30/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

(*Korrezzjoni: Ara dokument PL 600 li tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra f'Seduta 28, tat-Tnejn 4 ta' Ottubru 2022)*

Seduta 27
03/10/2022

**ĦAL SAFI: TRIQ TAL-ĦLANTUN – TRAFFIKU TA' VETTURI KBAR**

**2095. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jikkonferma li t-traffiku ta' vetturi kbar se jkun projbit li jgħaddi minn Triq Tal-Ħlantun, Ħal Safi, ħlief għal dawk biex jagħtu xi servizz fl-istess triq?

30/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Awtorità tat-Transport m'għandha l-ebda talba f'dan ir-rigward.

Seduta 27
03/10/2022

**ĦAL GĦAXAQ, IL-GUDJA U MARSAXLOKK – STRUTTURI LI MHUMIEX SKONT IL-PERMESS – STOP AND ENFORCEMENT NOTICES**

**2096. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jipprovdi lista ta' Stop and Enforcement Notices relatati ma' strutturi li mhumiex skont il-permess maħruġ mill-2013 sal-2021 f'Ħal Għaxaq, il-Gudja u Marsaxlokk? Jista' jgħid ukoll liema minnhom għadhom attivi, meta kienet l-aħħar spezzjoni f'dawk li kienu attivi fid-data tal-ispezzjoni u x'azzjoni ttieħdet u liema minnhom ġew magħluqa u meta?

30/06/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li l-Avviżi biex Tieqaf u ta' Twettieq relatati ma' strutturi li mhumiex skont il-permess maħruġin mill-2013 sal-2021 f'Ħal Għaxaq, il-Gudja u Marsaxlokk huma:

EC/00395/12, EC/00025/13, EC/00026/13, EC/00083/13, EC/00064/13, EC/00109/13,
EC/00187/13, EC/00234/13, EC/00238/13, EC/00264/13, EC/00266/13,
EC/00280/13, EC/00040/14, EC/00046/14, EC/00061/14, EC/00051/14,
EC/00094/14, EC/00067/14, EC/00235/14, EC/00252/14, EC/00300/14,
EC/00306/14, EC/00318/14, EC/00375/14, EC/00374/14, EC/00402/14,
EC/00418/14, EC/00005/15, EC/00121/15, EC/00154/15, EC/00180/15,
EC/00183/15, EC/00200/15, EC/00185/15, EC/00198/15, EC/00210/15,
EC/00215/15, EC/00214/15, EC/00222/15, EC/00227/15, EC/00233/15,
EC/00259/15, EC/00284/15, EC/00293/15, EC/00306/15, EC/00008/16,
EC/00048/16, EC/00072/16, EC/00159/16, EC/00126/16, EC/00268/16,
EC/00278/16, EC/00280/16, EC/00304/16, EC/00375/16, EC/00381/16,
EC/00406/16, EC/00407/16, EC/00428/16, EC/00425/16, EC/00441/16,
EC/00451/16, EC/00468/16, EC/00467/16, EC/00486/16, EC/00499/16,
EC/00017/17, EC/00042/17, EC/00078/17, EC/00093/17, EC/00116/17,
EC/00117/17, EC/00151/17, EC/00207/17, EC/00221/17, EC/00244/17,

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| EC/00010/18, | EC/00020/18, | EC/00122/18, | EC/00145/18, | EC/00157/18, | |
| EC/00173/18, | EC/00194/18, | EC/00007/19, | EC/00085/19, | EC/00087/19, | |
| EC/00185/19, | EC/00219/19, | EC/00153/19, | EC/00033/20, | EC/00053/20, | |
| EC/00055/20, | EC/00073/20, | EC/00111/20, | EC/00125/20, | EC/00135/20, | |
| EC/00168/20, | EC/00013/21, | EC/00051/21, | EC/00052/21, | EC/00110/21, | |
| EC/00144/21, | EC/00146/21, | EC/00155/21, | EC/00033/22, | EC/00047/22, | EC/00060/22 |

Seduta 27
03/10/2022

**KUNSILLI LOKALI U REĠJUNI – NUQQAS TA' SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**2097. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 1976, jista' l-Ministru jikkonferma li l-Kunsill jinsab mingħajr Segretarju Eżekuttiv u għaliex ma kienx inkluż fit-tweġiba imsemmija? Kemm ilu l-Kunsill Lokali Birżebbuġa mingħajr Segretarju Eżekuttiv? X'inhi r-raġuni tad-dewmien u x'inhu l-istatus? X'inhi l-proċedura li qed tiġi applikata biex jiġi/tiġi ingaġġat/ingaġġata Segretarju Eżekuttiv u x'azzjoni qed tittieħed sadanittant biex il-kunsilli jibqgħu joperaw b'mod normali?

30/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li nikkonferma illi il-post ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa hu vakanti. Dan il-post hu vakanti mit-18 ta' Mejju 2022. Bħalissa l-imsemmi Kunsill Lokali għandu Aġent Segretarju Eżekuttiv.

Qed jiġi determinat proċess ġdid u dan peress li kull persuna ingaġġata bħala Segretarju Eżekuttiv ser ikollha l-opportunità li ssir uffiċjal pubbliku wara erba' snin. Is-sejħiet il-ġodda ser ikunu qed jinħarġu dalwaqt, ma' tmiem dan il-proċess.

Seduta 27
03/10/2022

**SKEJJEL – STATEMENTING REPORT GĦAL SERVIZZ TA' LEARNING SUPPORT ASSISTANT**

**2119. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar kemm hemm każijiet fejn il-ġenitur/i qed jistennew rapport minn Educational Psychologists tal-Gvern li huwa meħtieg sabiex uliedhom ikunu jistgħu jirċievu l-istatementing report li jiddetermina jekk l-ulied ikollhomx bżonn Learning Support Assistant, u dan qabel ma wliedhom ikunu jistgħu jibdew jattendu l-iskola? Għal kull sena (Year 1 eċċ.) kemm huma dawk it-tfal li qegħdin jistennew dan ir-rapport? X'inhi r-raġuni li għaliha qed ikun hemm daqstant tfal jistennew dan ir-rapport u x'qed isir biex dan id-dewmien jinqata'? Billi jidher li n-numru ta' ġenitur/i li qed jirrikorru għand il-privat biex jiksbu dan ir-rapport qed jiżdied, u dan biex ma jintilifx ħin prezzjuż għal uliedhom, jista' l-Ministru jassigura li dawn il-ġenitur/i jingħataw lura l-ispejjeż li jkunu ħallsu għal dan ir-rapport fil-privat?

01/07/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'hemm l-ebda student li qed jistenna rapport minn naħa tas-servizz offrut mill-Ministeru għall-Edukazzjoni qabel ma jibda jattendi l-iskola.
Seduta 27
03/10/2022

**BUĠIBBA, IL-QAWRA U S-SALINA – IRWEJJAĦ ĠEJJIN MILL-MIŻBLA TAL-MAGĦTAB**

**2120. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tinvestiga x'inhi r-raġuni li għaliha fl-inħawi qrib il-Magħtab, b'mod partikolari Buġibba, il-Qawra u s-Salina, qed ikun hemm ħafna rwejjaħ li jidher li ġejjin mill-Miżbla tal-Magħtab? X'passi qed jittieħdu biex din il-problema tiġi solvuta?

01/07/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'żieda, għar-risposta li kienet ingħata għall-mistoqsija parlamentari 24427 tat-XIII il-leġislatura li għalkemm fil-proċess tal-immanniġġjar tal-iskart il-ħruġ ta' ċerti rwejjaħ huwa inevitabbli, il-kumpanija Wasteserv tieħu diversi miżuri ta' mitigazzjoni li wasslu biex dan l-inkonvenjent illum huwa l-inqas li qatt kien. Dan huwa kkonfermat ukoll mit-tnaqqis fin-numru ta' rapporti u lmenti li jidħlu għand l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) fir-rwol tagħha ta' regolatur. B'mod ġenerali l-irwejjaħ ikunu ġejjin mill-kontenut organiku tal-borża s-sewda, li b'xorti ħażina għadu jammonta għal madwar erbgħin fil-mija. Min-naħa l-oħra, l-miżuri ta' mitigazzjoni, li jkopru l-operat kollu fil-kumpless ECO Hive, joħorġu anke mill-permessi IPPC li toħroġ l-Awtorità regolatorja u, fost l-oħrajn, jinkludu misting system mal-konfini kollha tal-miżbla u anke miżuri sabiex jitgħatta ż-żibel tal-wiċċ. Dawn il-miżuri jittieħdu kemm fil-landfill li qed tintuża bħalissa kif ukoll fuq is-sit tal-miżbla l-antika u dan għaliex l-iskart antik jibqa' attiv għal ħafna snin.

Min-naħa tagħha, l-ERA twettaq spezzjonijiet regolari fil-kumpless Eco Hive sabiex jiġi żgurata konformità mal-kundizzjonijiet tal-permessi IPPC inkluż li l-miżuri għall-mitigazzjoni tal-irwejjaħ ikunu qegħdin jiġu osservati. Il-pubbliku ġenerali jista' jagħmel ukoll il-parti tiegħu billi jissepara l-iskart bil-għaqal u ma jitfax skart organiku fil-borża s-sewda.

Seduta 27
03/10/2022

**CHILD DEVELOPEMENT ASSESSMENT UNIT - STATEMENTING REPORT GĦAL SERVIZZ TA' LEARNING SUPPORT ASSISTANT**

**2121. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti tagħrif dwar kemm hemm każijiet fejn il-ġenitur/i qed jistennew rapport minn Educational Psychologists tal-Gvern li huwa meħtieġ sabiex uliedhom ikunu jistgħu jirċievu l-istatementing report li jiddetermina jekk l-ulied ikollhomx bżonn Learning Support Assistant, u dan qabel ma wliedhom ikunu jistgħu jibdew jattendu l-iskola? Għal kull sena (Year 1, eċċ.) kemm huma dawk it-tfal li qegħdin jistennew dan ir-rapport? X'inhi r-raġuni li għaliha qed ikun hemm daqstant tfal jistennew dan ir-rapport u x'qed isir biex dan id-dewmien jinqata'? Billi jidher li n-numru ta' ġenitur/i li qed jirrikorru għand il-privat biex jiksbu dan ir-rapport qed jiżdied, u dan biex ma jintilifx ħin prezzjuż għal uliedhom, jista' jassigura li dawn il-ġenitur/i jingħataw lura l-ispejjeż li jkunu ħallsu għal dan ir-rapport fil-privat?

01/07/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illidawk l-applikazzjonijiet li waslu għand is-CDAU (Child developement and Assessment Unit) sal-aħħar ta' Ġunju 2022, fejn ġie ddeterminat li tifel jew tifla kellhom bżonn **assessment** pskikoloġiku sabiex ikunu jistaw jibdew l-iskola, kollha sarilhom dan l-**assessment,**

Seduta 27
03/10/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR - TRIQ SIR LUIGI PREZIOSI – MANUTENZJONI TAT-TARAĠ**

**2122. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jieħu l-passi neċessarji biex it-taraġ li jagħti minn Triq Sir Luigi Preziosi, San Pawl il-Baħar, sat-triq t'isfel issirlu l-manutenzjoni neċessarja inkluż li jiġi miżbugħ, biex ma jibqax b'patches ta' ton differenti ta' griż u minflok ikun ta' kulur wieħed tal-istess ton?

01/07/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar li fl-ewwel jiem ta' Settembru 2021, il-ħaddiema ta' FTZD wettqu xogħlijiet estensivi, minn fuq s'isfel tat-taraġ li jinsab bejn Triq Sir Luigi Preziosi u Triq Santa Maria.
Infurmat ukoll li dawn x-xogħlijiet saru wara snin sħaħ ta' abbandun totali.

Seduta 27

03/10/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR: TRIQ L-IMREJKBA U TRIQ IL-KONZ - XOGĦLIJIET**

**2123. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jieħu l-passi meħtieġa biex isir ix-xogħol neċessarju fi Triq l-Imrejkba u Triq il-Konz, Qawra, San Pawl il-Baħar biex jiġu rranġati, għaliex jinsabu fi stat ħażin ħafna?

01/07/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar illi dwar 'Triq l-Imrejkba' huwa mifhum, anke wara testijiet xjentifiċi li saru, illi l-ħsara msemmija f'wiċċ it-triq kienet ġejja minn żbroff tad-drenaġġ kontinwu fl-istess triq li kien ġej minn binja privata.

Infurmat li dawn il-ħsarat ser jiġu msewwija hekk kif il-Kunsill jirċievi r-rapport uffiċjali maħruġ mid-Dipartiment tas-Sanità.

Rigward 'Triq il-Konz', ninsab infurmat illi mhuwiex magħruf li hemm il-ħsara allegata mill-Onor. Interpellant.

Seduta 27
03/10/2022

**BIRKIRKARA – ĊENTRU TAS-SAĦĦA**

**2124. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx ħsieb li ċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara jingħalaq matul il-jiem li ġejjin? Jekk iva, meta hemm il-ħsieb li dan iċ-ċentru ma jkomplix jopera? X'inhi r-raġuni għal dan l-għeluq, jekk l-għeluq hux wieħed temporanju u meta hemm ħsieb li dan iċ-ċentru jerġa' jiftaħ? Jista' jikkonferma li dawk li s-soltu kienu jinqdew minn dan iċ-ċentru, issa se jkollhom jinqdew miċ-Ċentri tas-Saħħa fil-Mosta, il-Gżira u l-Floriana? X'inhi r raġuni li għaliha mhux se jkun hemm ċentru temporanju minn fejn jinqdew in-nies li normalment kienu jinqdew miċ-Ċentru ta' Birkirkara?

01/07/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara għalaq għal perjodu temporanju fit-8 ta' Lulju 2022 biex jibda l-programm ta' xogħol ta' refurbishment ġenerali u mmodernizzar. Huwa ppjanat liċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara jerġa jiftaħ il-bibien tiegħu fl-ewwel kwart tal-2023.

Pazjenti li jissejħu walk-in, jiġifieri pazjenti li jkollhom bżonn lit-tabib dak il-ħin. issa qed jinqdew miċ-Ċentri tas-Saħħa fil-Mosta, il-Gżira u l-Floriana. Il-pazjenti li jkollhom appuntament, jew għandhom bżonn ta' appuntament mal-professjonisti mediċi jistgħu jagħmlu l-appuntament fejn ikunu jixtiequ huma, inkluż fil-Klinici fil-Komunità.

Is-Servizz tat-Teħid tad-Demm, li jaqdi madwar 50 pazjent kuljum għadu jsir miċ-Ċentru Ċiviku ta' B'Kara.. Iċ-Ċentru tal-Podiatrija li qiegħed ukoll fiċ-Ċentru ta' Birkirkara qed jibqa' joffri s-servizzi tal-podjatrija normali .

Seduta 27
03/10/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - INFIQ TA' FLUS F'REKLAMAR**

**2161. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb mistoqsija parlamentari 1893 u jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru mill-2017 sal-lum lil One TV Productions u/jew lill-Partit Laburista u/jew lill-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, jew persuna oħra f'reklamar u/jew bħala ħlas għal stedin u parteċipazzjoni tal-Ministru odjern jew predeċessur tiegħu jew uffiċjal tal-Ministeru fil-programmi Espresso u Kalamita fuq One TV?

04/07/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu ta' spiss jagħmlu materjal informattiv fuq il-midja kemm bħala reklamar, kif ukoll bħala slots informattivi. Dan bil-għan li l-pubbliku jkunu mgħarraf bl-attivitajiet / inizjattivi li jittieħdu.

B'referenza għal dak li qed jistaqsi dwaru l-Onor. Interpellant, it-tagħrif għall-perjodu ta' ħames snin kif indikat minnu hu kif ġej:
Inflation Media Productions: €17,503
One Productions: €5,522

Seduta 27
03/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - INFIQ TA' FLUS F'REKLAMAR**

**2162. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb mistoqsija parlamentari 1894 u jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru mill-2017 sal-lum lil One TV Productions u/jew lill-Partit Laburista u/jew lill-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, jew persuna oħra f'reklamar u/jew bħala ħlas għal stedin u parteċipazzjoni tal-Ministru odjern jew predeċessur tiegħu jew uffiċjal tal-Ministeru fil-programmi Espresso u Kalamita fuq One TV?

04/07/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu ta' spiss jagħmlu materjal informattiv fuq il-midja kemm bħala reklamar, kif ukoll bħala slots informattivi. Dan bil-għan li l-pubbliku jkunu mgħarraf bl-attivitajiet / inizjattivi li jittieħdu.
B'referenza għal dak li qed jistaqsi dwaru l-Onor. Interpellant, it-tagħrif għall-perjodu ta' ħames snin kif indikat minnu hu kif ġej:
Inflation Media Productions (Kalamita): €10,000
ONE Productions (Espresso): €4440

Seduta 27
03/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - INFIQ TA' FLUS F'REKLAMAR**

**2163. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jwieġeb mistoqsija parlamentari 1895 u jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru mill-2017 sal-lum lil One TV Productions u/jew lill-Partit Laburista u/jew lill-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, jew persuna oħra f'reklamar u/jew bħala ħlas għal stedin u parteċipazzjoni tal-Ministru odjern jew predeċessur tiegħu jew uffiċjal tal-Ministeru fil-programmi Espresso u Kalamita fuq One TV?

04/07/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu ta' spiss jagħmlu materjal informattiv fuq il-midja kemm bħala reklamar, kif ukoll bħala slots informattivi. Dan bil-għan li l-pubbliku jkunu mgħarraf bl-attivitajiet / inizjattivi li jittieħdu.
B'referenza għal dak li qed jistaqsi dwaru l-Onor. Interpellant, it-tagħrif minn mindu twaqqaf dan il-Ministeru huwa kif ġej:
ONE Productions (Espresso):€2,140 (VAT eskluż).

Seduta 27
03/10/2022

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - INFIQ TA' FLUS F'REKLAMAR**

**2164. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb mistoqsija parlamentari 1896 u jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru mill-2017 sal-lum lil One TV Productions u/jew lill-Partit Laburista u/jew lill-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, jew persuna oħra f'reklamar u/jew bħala ħlas għal stedin u parteċipazzjoni tal-Ministru odjern jew predeċessur tiegħu jew uffiċjal tal-Ministeru fil-programmi Espresso u Kalamita fuq One TV?

04/07/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** L-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 27
03/10/2022

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - INFIQ TA' FLUS F'REKLAMAR**

**2165. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru twieġeb mistoqsija parlamentari 1897 u tgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru mill-2017 sal-lum lil One TV Productions u/jew lill-Partit Laburista u/jew lill-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, jew persuna oħra f'reklamar u/jew bħala ħlas għal stedin u parteċipazzjoni tal-Ministru odjern jew predeċessur tagħha jew uffiċjal tal-Ministeru fil-programmi Espresso u Kalamita fuq One TV?

04/07/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu ta' spiss jagħmlu materjal informattiv fuq il-midja kemm bħala reklamar, kif ukoll bħala slots informattivi. Dan bil-għan li l-pubbliku jkun mgħarraf bl-attivitajiet / inizjattivi li jittieħdu.
B'referenza għal dak li qed jistaqsi dwaru l-Onor. Interpellant, it-tagħrif għall-perjodu, mindu twaqqaf dan il-Ministeru f'Novembru 2020, hu kif ġej:
Inflation Media Productions (Kalamita): €5,781.99
ONE Productions (Espresso): €6,230.40

Seduta 27
03/10/2022

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - INFIQ TA' FLUS F'REKLAMAR**

**2166. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb mistoqsija parlamentari 1889 u jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru mill-2017 sal-lum lil One TV Productions u/jew lill-Partit Laburista u/jew lill-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, jew persuna oħra f'reklamar u/jew bħala ħlas għal stedin u parteċipazzjoni tal-Ministru odjern jew predeċessur tiegħu jew uffiċjal tal-Ministeru fil-programmi Espresso u Kalamita fuq One TV?

04/07/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu ta' spiss jagħmlu materjal informattiv fuq il-midja kemm bħala reklamar, kif ukoll bħala slots informattivi. Dan bil-għan li l-pubbliku jkunu mgħarraf bl-attivitajiet / inizjattivi li jittieħdu.

B'referenza għal dak li qed jistaqsi dwaru l-Onor. Interpellant, it-tagħrif għall-perjodu ta' ħames snin kif indikat minnu hu kif ġej:
Inflation Media Productions (Kalamita): €30,621
ONE Productions (Espresso): €2,832

Seduta 27
03/10/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – IMPJEGATI JAGĦMLU XOGĦOL TA' WATCHMAN**

**2167. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm/kien hemm impjegati jagħmlu xogħol ta' watchman fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fl-aħħar ta' kull sena mill-2012 sal-aħħar ta' April, 2022? X'kien/x'inhu l-grad tagħhom? Liema huma s-siti li qed jindokraw? Jekk hemm relievers pool, jista' jgħid kemm hemm persuni fiha?

04/07/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li infurmat li hemm hemm 76 individwu fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex maqsumin f'diversi xiftijiet li jagħmlu xogħol ta' watchman f'24 sit differenti bħala parti mix-xogħol tagħhom.

Seduta 27
03/10/2022

**GOZO CHANNEL (OPERATIONS) LTD. – KIRI TA' POST FL-IMĠARR**

**2168. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gozo Channel (Operations) Ltd hux qiegħda tikri post fl-Imġarr, Għawdex, li qabel kien jintuża bħala supermarket, sabiex tibda tużah bħala l-uffiċċju tagħha? Kemm ilha tikrih dan il-post, kemm hi l-kera u għalkemm u għala dan il-post għadu ma bediex jintuża għall-iskop mikri? Jista' jikkonferma li s-sit mikri għandu problemi ta' stabilità li qed iżommu x-xogħol ta' finitura tiegħu? Kemm se jiswew dawn ix-xogħlijiet rimedjali u min hu responsabbli li jagħmilhom? Meta se jibda jintuża dan is-sit bħala uffiċċju tal-kumpanija? Jista' jqiegħed kopja tal-kuntratt tal-kera fuq il-Mejda tal-Kamra?

04/07/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nikkonferma mal-Onor. Interpellant li l-Gozo Channel (Operations) Ltd. qiegħda tikri post fl-Imġarr. Dan beda jinkera, biex jibda jintuża mill-istess entità bħala uffiċċju ċentralizzat għall-operazzjonijiet tal-kumpanija, imħażen u garaxxijiet, b'effett mill-1 ta' Jannar 2020 għal terminu ta' għaxar snin u żieda maqbula ta' 18-il xahar addizzjonali mingħajr ħlas.

Il-post *tale quale* intgħażel minn bord imwaqqaf apposta bħala l-aktar wieħed vantaġġjuż minn fost żewġ offerti ta' interess fis-sejħa pubblika li kien hemm.

Ir-raġuni għaliex il-post għadu ma bediex jintuża għall-iskop mikri hi li l-kumpanija kienet qed tistenna l-permessi meħtieġa biex isiru xogħlijiet li kien hemm bżonn. Filfatt dawn il-permessi ħarġu fit-3 ta' Jannar 2022 u x-xogħlijiet meħtieġa, skont il-pjanti approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar (vide DS/00316/21; DS/00060/22 u PA/02464/21), issa bdew.

Bħala kumpens ta' parti minn dawn l-ispejjez li qegħdin isiru fuq dawn ix-xogħolijiet, ġie maqbul mas-sidien li l-perjodu tal-kirja jiżdied bi 18-il xahar wara t-terminu tal-kirja ta' 10 snin mingħajr ħlas addizzjonali. L-arranġamenti se jkunu qed jiffaċilitaw il-ħidma tal-kumpanija fl-operat tagħha qrib il-port tal-Imġarr.

Il-kera pagabbli hi ta': (i) €2,600 fix-xahar bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Marzu 2020; (ii) €5,200 fix-xahar bejn l-1 ta' April 2020 u l-31 ta' Diċembru 2022; u (iii) sussegwentement il-kera tiżdied kull tliet snin bir-rata ta' 6% jew iż-żieda fir-Retail Price Index, skont liema tiġi l-ogħla.

Seduta 27
03/10/2022

**GĦAWDEX – PROĠETTI MID-DĦUL TAT-TAXXA F'LUKANDI U AKKOMODAZZJONIJIET OĦRA**

**2169. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1562 u jgħid xi proġetti saru f'Għawdex mid-dħul tat-taxxa fuq kull lejl fil-hotels u

akkomodazzjonijiet oħrajn? Jista' jgħid minn kemm ilha li ġiet introdotta din it-taxxa sal-lum, kemm kien id-dħul minn Għawdex? Jista' jgħid kemm minn din it-taxxa, ġiet investita f'Għawdex stess?

04/07/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-taxxa fuq akkomodazzjoni li nġabret minn indirizzi reġistrati f'Għawdex, mill-2016 sal-aħħar ta' Ġunju 2022, tammonta għal €1,005,161.47.
Rigward l-aħħar parti tal-mistoqsija, nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 27
03/10/2022

**GĦAWDEX: PROĠETT TAL-GOZO MUSEUM - PAGAMENTI**

**2170. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'pagamenti saru s'issa fuq il-proġett tal-Gozo Museum f'Għawdex? Jista' jgħid kemm kien kull pagament u lil min sar?

04/07/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan il-mużew se joffri passaġġ lura fl-istorja t'Għawdex fil-qalba tal-ġrajjiet u l-patrimonju rikk li nsibu fuq din l-art. Il-kollezzjoni li se tkun esebita fih, se tinkludi oġġetti li sal-lum il-pubbliku ma setax igawdi.

Ninforma lill-Onor. Interpellant li saru total ta' €3,767,915 f'pagamenti.

Seduta 27
03/10/2022

**GĦAWDEX – TRIQ LI MIX-XAGĦRA TAGĦTI GĦALL-BAJJA TAR-RAMLA – SAFETY CRASH BARRIERS**

**2171. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid meta hemm il-ħsieb li fit-triq li mix-Xagħra tagħti għall-Bajja tar-Ramla f'Għawdex, jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha u jsiru '*Safety Crash Barriers*' biex jitneħħa l-periklu li xi ħadd jaqa' bil-karozza fil-wied u dan peress li hemm partijiet kbar miċ-ċnut li jagħtu mit-triq għal wied, neqsin?

04/07/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li temporanjament l-ammont ta' barriers mat-triq żdiedu u dan sakemm fil-ġimghat li ġejjin jerga' jinbena ċ-ċint, kif kien oriġinarjament.

Seduta 27
03/10/2022

**GĦAWDEX – KUMPENS GĦALL-ĦSARAT LI ĠARRBU VETTURI MINĦABBA L-ISTAT ĦAŻIN TAT-TOROQ**

**2172. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru talbiet għal kumpens rigward ħsarat li ġarrbu vetturi minħabba l-istat ħażin tat-toroq f'Għawdex, sena b' sena, mill-2017 sal-2021? Jista' jagħti l-informazzjoni minn liema lokalità sar kull ilment? Jista' jgħid kemm minn dawn it-talbiet kienu aċċettati u kemm ingħataw kumpens f'kull każ?

04/07/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-perjodu msemmi ngħataw €4,707.98 f'kumpens fi 22 claim differenti.
Seduta 27
03/10/2022

**DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – PROGRAMM U L-EVALWAZZJONI TAT-TAGĦLIM DWAR L-INTEGRITÀ U GĦARFIEN ETIKU**

**2179. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna kien hemm eleġibbli fil-Public Works biex tagħmel "il-programm u l-evalwazzjoni tat-tagħlim dwar l-integrità u għarfien etiku"? Kemm-il persuna minn dawk li kienu eleġibbli għamlu dan it-taħriġ?

04/07/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninsab infurmat li fid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi hemm 25 impjegat eliġibbli għat-taħriġ imsemmi u li s'issa madwar nofshom poġġew għal dan il-programm.

Seduta 27
03/10/2022

**KUMPANIJA - REMUNERAZZJONI, ĦLASIJIET U BENEFIĊĊJI LID-DIRETTURI**

**2180. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru:

(a) jispeċifika l-ammont ta' remunerazzjoni, ħlasijiet u benefiċċji li saru lid-Diretturi u Segretarju tal-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament?
(b) Jista' jagħti wkoll id-dati u durazzjoni tal-laqgħat tal-Bord tad-Diretturi tal-istess kumpanija u min kien preżenti u jekk il-laqgħat sarux fiżikament jew online?
(ċ) Jista' jgħid kemm hemm nies impjegati u/jew deployed ma' din il-kumpanija?
(d) Jista' jgħid kemm hemm nies li kienu jaħdmu mal-Awtorita tal-Ippjanar li huma preżentement impjegati u/jew deployed ma' din il-kumpanija u min huma?

04/07/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 27
03/10/2022

**ĦADDIEMA MAS-SETTUR PUBBLIKU U S-SERVIZZ PUBBLIKU LI TELQU JEW IRRIŻENJAW**

**2187. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra kemm kien l-ammont ta' ħaddiema mis-Settur Pubbliku u s-Servizz Pubbliku li telqu jew irriżenjaw jew irtiraw bl-età fl-aħħar għaxar snin, jiġifieri fil-perjodu bejn l-2011 u l-2021?

04/07/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li skont l-informazzjoni li għandha Jobsplus mill-formoli ta' tmiem tal-impjieg, hawn taħt issib tabella li turi n-numru ta' ħaddiema mis-Settur Pubbliku u s-Servizz Pubbliku li telqu jew irriżenjaw jew irtiraw bl-età bejn 2011 u 2021 sena b'sena.

| Sena | Servizz Pubbliku | Settur Pubbliku | Total |
|---|---|---|---|
| 2011 | 1,216 | 1,645 | 2,861 |
| 2012 | 1,253 | 1,753 | 3,006 |
| 2013 | 801 | 711 | 1,512 |
| 2014 | 1,100 | 940 | 2,040 |
| 2015 | 1,123 | 1,197 | 2,320 |
| 2016 | 1,182 | 1,170 | 2,352 |
| 2017 | 1,127 | 1,336 | 2,463 |
| 2018 | 862 | 1,326 | 2,188 |
| 2019 | 1,129 | 1,485 | 2,614 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2020 | 978 | 1,372 | 2,350 |
| 2021 | 1,421 | 1,814 | 3,235 |
| | | | **26,941** |

Seduta 27
03/10/2022

**KORP TAL-PULIZIJA: FINANCIAL CRIMES INVESTIGATIONS DEPARTMENT - SUPRETENDENT**

**2191. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk is-Supretendent fi ħdan il-Financial Crimes Investigations Department (FCID) tal-Korp tal-Pulizija, li ismu u kunjomu qegħdin jingħataw separatament, tax avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija li qed/se jirtira/jirriżenja mill-Korp tal-Pulizija?

04/07/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi l-uffiċjal tal-Pulizija, li ismu u kunjomu ngħataw separatament, ma rtirax u lanqas irreżenja mill-Korp tal-Pulizija, però għamel talba ta' perjodu ta' leave speċjali.

Seduta 27
03/10/2022

**ĦAŻ-ŻEBBUĠ U S-SIĠĠIEWI – STUDJI MINN INFRASTRUCTURE MALTA DWAR TIBDIL LI SE JSIR FIL-JUNCTION**

**2192. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2103 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-istudji li saru minn Infrastructure Malta sabiex waslet għall-għażla tagħha għat-tibdil li se jsir fil-junction ta' Ħaż-Żebbuġ-Siġġiewi? Jista' jgħid ma' min ikkonsultat Infrastructure Malta sabiex waslet għall-għażla tal-junction Ħaż-Żebbuġ-Siġġiewi? Jista' jippubblika l-konsultazzjonijiet li saru?

04/07/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Infrastructure Malta għamlet titjib fil-junction ta' bejn is-Siġġiewi u Ħaż-Żebbuġ, fi Triq l-Imdina, sabiex ittaffi d-diffikultajiet ta' konġestjoni u tnaqqas ir-riskji t'aċċidenti f'din ir-rotta ewlenija ta' pajjizna.

Ir-residenti Siġġiwin kien ilhom snin twal jappellaw lill-awtoritajiet sabiex jindirizzaw id-diffikultajiet li jiffaċċjaw kull filgħodu biex joħorġu mil-lokalità tagħhom u filgħaxija biex jidħlu lura. Matul is-snin, il-konġestjoni f'din il-junction bejn Triq l-Imdina u Triq is-Siġġiewi kompliet tiżdied, tant likienu qed jintlaqtu ħażin ukoll żoni oħrajn matul ir-rotta ewlenija ta' Triq l-Imdina, li twassal mill-qalba ta' Ħal Qormi sa Ħaż-Żebbuġ u tibqa' sejra sa taħt it-Telgħa tas-Saqqajja, ir-Rabat. Il-konġestjoni kull filgħodu u filgħaxija twassal għal żieda fit-tniġġis tal-arja fl-inħawi residenzjali u postijiet tax-xogħol f'dawn il-lokalitajiet ukoll.

Permezz ta' dan il-proġett, Infrastructure Malta neħħiet ir-roundabout li kien hemm u minflokha ħolqot korsiji diretti li jgħaqqdu r-rotot differenti li jaqsmu kontra xulxin f'dan is-salib it-toroq. Dawn il-korsiji se jagħmluha aktar faċli li tgħaddi mill-junction biex taqsam minn triq għal oħra, fid-direzzjonijiet bejn Ħaż-Żebbuġ, is-Siġġiewi u Ħal Qormi, hekk kif il-medja tal-ħin tal-ivvjaġġar f'din iż-żona mistennija tonqos b'madwar 30 fil-mija.

Sabiex tagħmel dawn il-korsiji diretti, l-aġenzija għamlet l-aħjar użu tal-ispazju ta' din it-triq biex fetħet għadd ta' korsiji ġodda. Fil-fatt, parti minn Triq l-Imdina biswit l-istess junction issa għandha żewġ korsiji ġodda billi twessgħet għal tliet korsiji f'kull direzzjoni. B'hekk, filwaqt li dawk li jkunu jridu jduru mis-Siġġiewi lejn Ħal Qormi u Ħaż-Żebbuġ, jew bil-kontra, jistgħu jużaw il-korsiji diretti, dawk li jkunu qed jaqsmu minn Ħaż-Żebbuġ lejn Ħal Qormi, jew bil-kontra, għandhom zewġ korsiji tista' tgħid iddedikati għalihom biss.

Filwaqt li qabel bir-roundabout kellek madwar ħames rotot differenti li jaqsmu kontra xulxin mar-roundabout, bid-disinn ġdid, Infrastructure Malta naqqset dawn il-qasmiet għal waħda biss, li hija l-uniku konnessjoni kkontrollata b'sistema ta' dwal tat-traffiku (traffic lights). Din is-sistema tista' tiġi kkontrollata minn Transport

Malta b'mod li dejjem tagħti prijorità lill-konnessjoni li l-aktar li tkun qed tintuża, sabiex tkompli tnaqqas il-ħin ta' stennija fit-traffiku. Dan ifisser li jekk filgħodu jkun hemm ħafna persuni ħerġin mis-Siġġiewi, se jingħataw prijorità fuq rotot oħrajn li dak il-ħin ma jkunux qed jintużaw daqshekk. Filgħaxija, il-ħinijiet tad-dwal tat-traffiku jinbidlu biex iħaffu l-vjaġġi bil-kontra, hekk kif ħafna persuni jkunu sejrin lura d-dar lejn Ħaż-Żebbuġ, is-Siġġiewi u lokalitajiet oħrajn fin-naħa ta' fuq ta' Malta.

Fl-istess waqt, hekk kif il-proġett ser jaqta' ħafna miċ-ċirkostanzi fejn karozzi jkollhom jaqsmu kontra xulxin, il-junction ġdida se tnaqqas ukoll ir-riskji t'aċċidenti.
L-iżvilupp infrastrutturali tat-toroq ewlenin f'pajjiżna huwa kullana ta' ħoloq marbutin flimkien, li jeħtieġ jiġu mtejbin b'mod ippjanat għax kull waħda taffettwa lill-oħra. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-istudju li għamlet Infrastructure Malta permezz ta' eżerċizzji ta' simulazzjoni li saru tal-andament tat-traffiku bħalissa u fis-snin li ġejjin. Fl-eżerċizzju li sar, ġew ikkunsidrati 10 żoni differenti madwar din il-junction, b'46 node u 125 konnessjoni.
L-aġenzija għamlet konsultazzjoni mal-kunsilli lokali tal-inħawi, mal-awtoritajiet konċernati u ma' dawk kollha li kellhom interess fil-proġett, kemm qabel ingħata bidu għax-xogħlijiet preparatorji tal-proġett u anke waqt li kien qed isir. Fil-laqgħat mal-kunsilli lokali kien hemm qbil li din il-junction kien jeħtieġ li b'xi mod jew ieħor titjieb fl-effiċjenza u fis-sigurezza, sabiex ittaffi d-diffikultajiet ta' konġestjoni fl-inħawi, speċjalment għal dawk li jkunu jridu jidħlu jew joħorġu s-Siġġiewi u Ħaż-Żebbuġ. Alternattivi oħrajn kien jkollhom jinkludu esproprjazzjoni u teħid ta' service road, u għaldaqstant kienu jxekklu l-attivitajiet kummerċjali.
L-intervent li sar minn Infrastructure Malta huwa l-aktar wieħed li jagħti benefiċċji f'termini ta' ħin fl-ivjaġġar, sigurezza u tnaqqis ta' tniġġis tal-arja, u li seta' jitwettaq fi żmien qasir bl-inqas impatt fuq l-artijiet u l-attivitajiet residenzjali, industrijali u kummerċjali tal-madwar.

Seduta 27
03/10/2022

**PRETTY BAY – KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELEL**

**2193. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1915 u jgħid jekk hemmx beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajja ta' Pretty Bay? Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi fuq il-Mejda tal-Kamra?

04/07/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tikkonferma li fuq il-Bajja s-Sabiħa ta' Birżebbuġa hemm concession waħda sabiex jinkrew deckchairs u umbrelel.

Seduta 27
03/10/2022

**PRETTY BAY – KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELEL**

**2194. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1914 u jgħid jekk hemmx beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajja ta' Pretty Bay? Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi fuq il-Mejda tal-Kamra?

04/07/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta biex tagħmel il-mistoqsija tagħha lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 27
03/10/2022

**BAJJA TA' FRA BEN – KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELEL**

**2195. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1913 u jgħid jekk hemmx beach

concessions/kuntratti/liċenzji/permessi biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajja ta' Fra Ben? Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi fuq il-Mejda tal-Kamra?

04/07/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li, l-Awtorita' tikkonferma li fuq il-Bajja ta' Fra Ben hemm *concession* ta' kjosk sabiex jinkrew deckchairs u umbrelel.

Seduta 27
03/10/2022

**BAJJA TA' FRA BEN – KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELEL**

**2196. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1912 u jgħid jekk hemmx beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajja ta' Fra Ben? Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi fuq il-Mejda tal-Kamra?

04/07/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li fuq il-Bajja ta' Fra Ben hemm liċenzja waħda sabiex jinkrew deckchairs u umbrelel.

Seduta 27
03/10/2022

**BAJJA TAR-RAMLA – KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELEL**

**2197. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1911 u jgħid jekk hemmx beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajja tar-Ramla? Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi fuq il-Mejda tal-Kamra?

04/07/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li hemm *encroachment* mil-Lands biex il-*hawkers* li hemm fit-triq li tagħti għall-bajja jkunu jistgħu jikru deckchairs u umbrelel.

Seduta 27
03/10/2022

**BAJJA TAR-RAMLA – KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELEL**

**2198. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1910 u jgħid jekk hemmx beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajja tar-Ramla? Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi fuq il-Mejda tal-Kamra?

04/07/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li fil-Bajja tar-Ramla apparti operaturi itineranti li għandhom Lands encroachment sabiex jikru deckchairs u umbrelel, hemm ukoll żewġ kjosks illi huma lliċenzjati mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu sabiex jikru deckchairs u umbrelel.

Seduta 27
03/10/2022

**RABAT – HOWARD GARDENS**

**2199. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jispjega min hu responsabbli miż-żamma tal-Ġnien u bandli ta' Howard Gardens u meta saret l-aħħar manutenzjoni fil-ġnien u l-għamara pubblika? Jista' jispjega kull meta ssir it-tisqija tas-siġar u pjanti ta' dan il-ġnien u jekk jinżammx rekord ta' kull meta jsir dan?

05/07/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-responsabbiltà taż-żamma tal-ġnien u l-bandli ta' Howard Gardens hija tal- Kunsill Lokali tal-Imdina. Madankollu, permezz tad-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi, qed jingħalaq il-proġett ta' modernizzar fiż-żona li tinkludi l-bandli, u s-siġar qed jissaqqew kif indikat mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi.

Seduta 27
03/10/2022

**SPTAR MATER DEI: ĊENTRU TAL-ONKOLOĠ-IJA – UFFIĊJALI TAS-SIGURTÀ**

**2200. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il uffiċjal tas-sigurtà jaħdem fiċ-Ċentru tal-Onkoloġija fl-Isptar Mater Dei u f'kull berġa?

05/07/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi n-numru ta' gwardjani tas-sigurtà li jaħdmu fl-Onkoloġija tal-Isptar Mater Dei matul il-ġurnata mit-Tnejn sas-Sibt huwa ta' sitta. Ħdud u Festi pubbliċi jaħdmu ħames gwardjani matul il-jum. Il-Primary HealthCare għandha uffiċjal tas-sigurtà wiehed f'kull Klinika tal-Komunità.

Seduta 27
03/10/2022

**ĊENTRI TAS-SAĦĦA – ĦINIJIET TAL-FTUĦ**

**2201. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx pjan li ċ-ċentri tas-saħħa li preżentement jiftħu bil-preżenza ta' tabib mit-Tnejn sas-Sibt, jibdew jiftħu kuljum u b'ħinijiet itwal bi preżenza ta' tabib?

05/07/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi kuntrarju għal dak li kien jiġri taħt amministrazzjonijiet preċedenti, numru ta' Ċentri tas-Saħħa qed jibqgħu miftuħin il-Ħdud u l-Festi b'servizz ta' infermiera.

Seduta 27
03/10/2022

**BIRKIRKARA – ĊENTRU TAS-SAĦĦA**

**2202. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx pjan li ċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara hux se jingħalaq għal xi ġimgħat/xhur? Jekk dan iseħħ, fejn ser jkun qed jingħata s-servizz ta' dan iċ-ċentru lir-residenti?

05/07/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellantgħar-risposta tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 2124.

Seduta 27
03/10/2022

**MDINA: TRIQ L-INFETTI – IPPARKJAR TA' COACHES**

**2203. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jispjega x'sar mill-pjan li kien qed jiġi miftiehem mill-Kunsill Lokali Rabat u l-Ministeru ftit snin ilu, biex mezzi tat-trasport goffi (coaches) jipparkjaw fi Triq l-Infetti taħt l-Imdina minflok fejn il-Villa Rumana waqt li jkunu qed jistennew turisti jżuru r-Rabat u l-Imdina, biex jonqos l-inkonvenjent kemm lir-residenti kif ukoll il-viżwal tal-lokalità?

05/07/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi reċentement il-parking tal-coaches fiż-żona tar-Roman Villa ġie riorganizzat u jidher li s-sistema qieghda tahdem b'mod efficjenti.

Seduta 27
03/10/2022

**ĦAŻ-ŻEBBUĠ – TRIQ GIANPULA**

**2204. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta qed tingħalaq Triq Ġianpula, Ħaż-Żebbuġ, f'liema ħinijiet u x'inhuma r-raġunijiet għaliex dan qed isir?

05/07/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-Mistoqsija Parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 27
03/10/2022

**KORPI DIXXIPLINARJI TA' MALTA – EX ĦADDIEMA TAS-SERVIZZI LI GĦADHOM MA LAĦQUX L-ETÀ PENSJONABBLI**

**2207. L-ONOR. CRESSIDA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-ammont ta' eks ħaddiema tas-servizzi, ċjoè Korpi Dixxiplinarji ta' Malta li huma: il-Pulizija, il-Forzi Armati, il-Faċilità Korrettiva u l-Protezzjoni Ċivili dwar in-numru ta' persuni li għadhom ma' laħqux l-età pensjonabbli, li jirċievu biss il-Pensjoni tat-Teżor u mhux f'impjieg għas-sena 2021?

05/07/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 27
03/10/2022

**IMĠARR – TRIQ SIR HARRY LUKE – PROBLEMA TAD-DRENAĠĠ**

**2208. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk hijiex informata bil-problema tad-drenaġġ fi Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, minħabba li dan mhux qiegħed ilaħħaq mad-domanda? Huwa maħsub li dan ix-xogħol isir fil-ġimgħat li ġejjin?

05/07/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma kienx hemm każijiet rapportati riċenti rigward problemi relatati mas-sistema tad-drenaġġ fit-triq indikata minnu. Madankollu għaddejt din l-informazzjoni mressqa minnu lill-uffiċjali tekniċi tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex jevalwaw tali informazzjoni u jippjanaw skont il-ħtieġa.
Seduta 27
03/10/2022

**VETTURI TAL-KOSTRUZZJONI – ARJA KONDIZZJONATA**

**2210. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Fid-dawl tal-inċident li sar dan l-aħħar fil-mina ta' Triq Reġjonali, jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jara li dawn it-tip ta' vetturi tal-kostruzzjoni jkun imperattiv għalihom bil-liġi, li jkollhom l-arja kondizzjonata?

05/07/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 27
03/10/2022

**AIR MALTA – TITJIRIET CHARTERED U SCHEDULED LEJN LOURDES**

**2216. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1665, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Turiżmu u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid f'liema sena l-Air Malta bdiet it-titjiriet tagħha, chartered u scheduled b'mod rispettiv, lejn Lourdes?

05/07/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Air Malta bdiet tagħti servizz ta’ titjiriet charter lill-operaturi tal-ivjaġġar lejn u minn Lourdes f’Marzu 1988.
Fis-sajf tal-2018 u 2019 it-titjiriet lejn u minn Lourdes ġew operati bħala titjiriet regolari bi skeda.

Seduta 27
03/10/2022

**AIR MALTA – TITJIRIET LEJN LOURDES**

**2217. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1666, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Turiżmu u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid f'liema perjodu u/jew perjodi tas-sena l-Air Malta kienet ittir lejn Lourdes u lura?

05/07/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Air Malta kienet topera titjiriet diretti lejn Lourdes matul ix-xhur ta’ Lulju u Awwissu, u matul il-btajjel tal-Għid, dejjem skont id-domanda mis-suq lokali.

Seduta 27
03/10/2022

**AIR MALTA – TITJIRIET LEJN LOURDES**

**2218. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1667, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Turiżmu u li issa ġiet riferuta lilu, u jagħti rendikont ta' kull sena b'mod separat, ta’ kemm-il passiġġier siefer mal-Air Malta mill-bidu li bdiet topera t-titijiriet lejn Lourdes?

05/07/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-Mistoqsija Parlamentari Nru 19557 tal-Leġiżlatura XIII.

Seduta 27
03/10/2022

**AIR MALTA – TITJIRIET LEJN LOURDES**

**2219. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1668, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Turiżmu u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid għalfejn il-linja nazzjonali tal-ajru Air Malta ma inkludietx it-titjiriet regolari tagħha, kemm dawk chartered kif ukoll scheduled, lejn Lourdes u lura?

05/07/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Air Malta lesta li toffri s-servizz tagħha permezz ta' titjiriet 'charter' lejn din id-destinazzjoni jekk ikun hemm domanda biżżejjed mill-aġenti tal-ivvjaġġar.

Seduta 27
03/10/2022

**AIR MALTA – TITJIRIET LEJN LOURDES**

**2220. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1669, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Turiżmu u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid jekk hemmx il-ħsieb li l-linja nazzjonali tal-ajru Air Malta terġa' tibda t-titjiriet regolari tagħha lejn Lourdes u lura?

05/07/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fil-preżent l-Air Malta m'għandhiex pjanijiet definittivi sabiex terġa' tintroduċi servizzi bi skeda bejn Malta u Lourdes, hemm ukoll linja tal-ajru oħra li diġà qed topera din ir-rotta.

Seduta 27
03/10/2022

**KUNSILLI LOKALI – ILMENTI DWAR ĦMIEĠ JEW PROBLEMA TA' SKART**

**2221. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1431 u 1967 u jagħti rendikont ta' kemm-il ilment dwar ħmieġ jew problema ta' skart ġew irreġistrati fil-Kunsilli Lokali kollha, u b'mod rispettiv għal kull lokalità, fl-aħħar sentejn?

05/07/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taht:

| | |
|---|---|
| **Lokalità** | **Numru Totali ta' Ilmenti (2017-2022)** |
| Il-Belt Valletta (Citta' Umilissima) | Ninsab infurmat illi l-Kunsill Lokali rispettiv għadu ma bagħatx l-informazzjoni relattiva. |
| L-Imdina (Citta' Nobile) | NIL |
| Il-Birgu (Citta` Vittoriosa) | Ninsab infurmat illi l-Kunsill Lokali rispettiv għadu ma bagħatx l-informazzjoni relattiva. |
| L-Isla (Citta' Invicta) | Ninsab infurmat illi l-Kunsill Lokali rispettiv għadu ma bagħatx l-informazzjoni relattiva. |
| Bormla (Citta Cospicua) | Ninsab infurmat illi l-Kunsill Lokali rispettiv għadu ma bagħatx l-informazzjoni relattiva. |
| Ħal Qormi (Citta' Pinto) | Ninsab infurmat illi l-Kunsill Lokali rispettiv għadu ma bagħatx l-informazzjoni relattiva. |

| | |
|---|---|
| Ħaż-Żebbuġ<br>(Ċitta Rohan) | 400 |
| Ħaż-Żabbar<br>(Citta' Hompesch) | Ninsab infurmat illi l-Kunsill Lokali rispettiv għadu ma bagħatx l-informazzjoni relattiva. |
| Is-Siġġiewi<br>(Citta Ferdinand) | 140 |
| Iż-Żejtun<br>(Citta` Beland) | 4,970 |
| Ir-Rabat (Għ)<br>(Citta` Victoria) | 419 |
| Ħ'Attard | Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard, illi l-istess Kunsill m'għandux system ta' mail registration jew complaint handling system. Infurmati li żmien ilu kien hemm sistema li kienet tithaddem fuq pjattaforma tal-Gvern imma din ma baqgħetx tiffunzjona.<br><br>In oltre, infurmati illi kull ilment li jidħol minn Facebook jew bl-imejl, jiġi mgħoddi u rrispondut minnufih anka wara l-ħin tax-xogħol minħabba li l-istaff kollu inkluż is-Sindku għandu aċċess ghall-Facebook page tal-Kunsill u l-imejl mid-dar. |
| Ħal Balzan | Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Hal Balzan, illi l-istess Kunsill m'għandux tali informazzjoni. |
| Birkirkara | 4,000 |
| Birżebbuġa | Ninsab infurmat illi l-Kunsill Lokali għadu ma bagħatx l-informazzjoni relattiva. |
| Ħad-Dingli | 1,665 |
| Il-Fgura | Ninsab infurmat illi l-Kunsill Lokali rispettiv għadu ma bagħatx l-informazzjoni relattiva. |
| Il-Floriana | Il-Kunsill Lokali tal-Floriana jinforma li jirċievi numru ta' lmenti kuljum b'mezzi differenti. Dawn l-ilmenti jiġu indirizzati mill-istaff amministrattiv u l-ħaddiema manwali skont il-ħtieġa, iżda l-Kunsill Lokali ma għandu l-ebda sistema jew proċedura li tirreġistra dawn l-ilmenti u lanqas ir-riżorsi biex tinġabar din l-informazzjoni. Għaldaqstant ma jistax jiġi determinat numru ta' lmenti li saru mill-1 ta' Lulju 2020. |
| Il-Fontana | Ninsab infurmat illi l-Kunsill Lokali rispettiv għadu ma bagħatx l-informazzjoni relattiva. |
| il-Gudja | 174 |
| Il-Gżira | 1350 |
| Għajnsielem | 48 |
| L-Għarb | Ninsab infurmat illi l-Kunsill Lokali rispettiv għadu ma bagħatx l-informazzjoni relattiva. |
| Ħal Għargħur | Ninsab infurmat illi l-Kunsill Lokali rispettiv għadu ma bagħatx l-informazzjoni relattiva. |
| L-Għasri | 4 |
| Ħal Għaxaq | 586 |
| Il-Ħamrun | Nixtieq ninfurmak li l- kunsill ma jżommx id-data simili, kemm għax jiġu mħassra kif ukoll għax fuq ċerti lmenti jittieħdu l-azzjonijiet mal-ewwel fuqha. |
| L-Iklin | 75 |

| | |
|---|---|
| Il-Kalkara | 44 |
| Ta' Kerċem | Nixtieq nigbed l-attenzjoni illi għandha ssir differenza bejn rapport u lment. Il-Kunsill Lokali ġieli rċieva rapport ta' xi skart fit-triq imma dan mal-ewwel jiġi nnutat u nibagħtu l-ħaddiema biex inaddfuh. Ghalhekk, dan qatt ma jsir ilment. |
| Ħal Kirkop | 41 |
| Ħal Lija | 624 |
| Ħal Luqa | 105 |
| Il-Marsa | Ninsab infurmat illi l-Kunsill Lokali rispettiv għadu ma bagħatx l-informazzjoni relattiva. |
| Marsaskala | 1,600 |
| Marsaxlokk | 57 |
| Il-Mellieħa | 1676 |
| L-Imġarr | 571 |
| Il-Mosta | 280 |
| Imqabba | 61 |
| L-Imsida | 842 |
| Il-Munxar | Ninsab infurmat illi l-Kunsill Lokali rispettiv għadu ma bagħatx l-informazzjoni relattiva. |
| In-Nadur | 70 |
| In-Naxxar | NIL |
| Ir-Raħal Ġdid (Paola) | 111 |
| Pembroke | Ninsab infurmat illi l-Kunsill Lokali rispettiv għadu ma bagħatx l-informazzjoni relattiva. |
| Tal-Pieta' | Ninsab infurmat illi l-Kunsill Lokali rispettiv għadu ma bagħatx l-informazzjoni relattiva. |
| Il-Qala | Ninsab infurmat illi l-Kunsill Lokali rispettiv għadu ma bagħatx l-informazzjoni relattiva. |
| Il-Qrendi | 750 |
| Ir-Rabat (Mt) | 60 |
| Ħal Safi | 90 |
| San Ġiljan | 3,604 |
| San Ġwann | Ninsab infurmat illi l-Kunsill Lokali rispettiv għadu ma bagħatx l-informazzjoni relattiva. |
| San Lawrenz | 8 |
| San Pawl il-Baħar | 1,190 |
| Ta' Sannat | 52 |
| Santa Luċija | 96 |
| Santa Venera | Ninsab infurmat illi l-Kunsill Lokali rispettiv għadu ma bagħatx l-informazzjoni relattiva. |

| | |
|---|---|
| Tas-Sliema | Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema, illi l-informazzjoni mitluba mhux kwantifikabbli' |
| Is-Swieqi | Ninsab infurmat illi l-Kunsill Lokali rispettiv għadu ma bagħatx l-informazzjoni relattiva. |
| Ta' Xbiex | 50 |
| Ħal Tarxien | 115 |
| Ix-Xagħra | Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra, illi l-istess Kunsill ma jżommx reġistru ta' dawn l-ilmenti minhabba li dawn ma jersqux għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill fil-laqgħat statutorji. |
| Ix-Xewkija | Ninsab infurmat illi l-Kunsill Lokali rispettiv għadu ma bagħatx l-informazzjoni relattiva. |
| Ix-Xgħajra | 47 |
| Iż-Żebbuġ (Għ) | 21 |
| Iż-Żurrieq | 673 |
| L-Imtarfa | 416 |

Seduta 27
10/03/2022

**SISTEMA TAL-FOBS TAL-ISTUDENTI – DIRECT ORDERS**

**2236. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jikkonferma jekk ingħatax direct order ta' €118,800 biex tinxtara s-sistema tal-FOBS għall-istudenti? Jekk iva, jista' dan it-tender jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra?

08/07/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 27
03/10/2022

**AMERICAN UNIVERSITY OF MALTA - STUDENTI**

**2237. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kellha studenti jsegwu programmi u korsijiet l-American University of Malta (AUM) fis-sena skolastika 2019/20, 2020/21 u 2021/22?

08/07/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru m'huwiex f'pożizzjoni li jagħti nformazzjoni dwar in-numru ta' studenti f'l-ebda istituzzjoni privata, inkluż din msemmija. Dan għaliex din hija informazzjoni ta' entita privata, għandha sensittività kummerċjali u hija miksuba b'mod kunfidenzjali.

Seduta 27
03/10/2022

**AMERICAN UNIVERSITY OF MALTA - AWDITJAR**

**2238. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-American University of Malta (AUM) qattx kienet soġġetta għal xi awditjar? Jekk iva, liema kienu u jekk jistax ipoġġihom fuq il-Mejda tal-Kamra?

08/07/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Università Amerikana ta' Malta kienet soġġetta għal verifika tal-Assikurazzjoni ta' Kwalità esterna skont S.L.607.03, Artikolu 38 (I). Iż-żjara tal-verifika tal-EQA saret bejn it-13 u l-15 ta' Ottubru 2020. Ir-rapport tal-EQA ġie ppubblikat f'Lulju tal-2021.

L-Università Amerikana ta' Malta għaddiet ukoll minn verifika tal-kwalità tal-programm bħala parti mill-kundizzjonijiet għal-liċenzjar tagħha. It-tieni verifika tal-EQA ser tikkonsisti f'verifika tal-kwalità tal-programm tal-korsijiet kollha li jkunu ntemmu sar-raba' sena tal-operat, kif ukoll tal-proċessi tal-operat u r-riżultati tal-Iskola, tal-Istudji u r-Riċerka tal-Gradwati. Iż-żjara tal-verifika tal-programm saret bejn is-27 u d-29 ta' April 2022. Dan ir-rapport għadu qed jitħejja.

Seduta 27
03/10/2022

**AMERICAN UNIVERSITY OF MALTA – LECTURES FULL-TIME U PART-TIME**

**2239. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kellha letturi full-time u part-time l-American University of Malta (AUM) għas-sena akkademika 2021/22?

08/07/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru mhuwiex f'pożizzjoni li jagħti nformazzjoni dwar in-numru ta' letturi f'l-ebda istituzzjoni privata, inkluż din msemmija. Dan għaliex din hija informazzjoni ta' entita privata, għandha sensittività kummerċjali u hija miksuba b'mod kunfidenzjali.

Seduta 27
03/10/2022

**MCAST – VAKANZI FIL-GRADI TA' DIRECTOR U DEPUTY DIRECTOR**

**2240. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1498 u jipprovdi kopja tal-vacancy forms kollha li ġew approvati mis-Segretarju Permanenti għall-gradi ta' Director u ta' Deputy Director fl-MCAST minn Ġunju 2018 sa Mejju 2022?

08/07/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif miġbur huwa kollu fit-tabella li qiegħed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 27
03/10/2022

**MCAST - VAKANZI FIL-GRADI TA' DIRECTOR U DEPUTY DIRECTOR**

**2241. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1499 u jipprovdi lista tar-requirements għall-gradi ta' Director u Deputy Director għall-vacancies kollha li ħarġu għal dawn il-gradi minn Ġunju 2018 sa Mejju

2022? Xi kwalifiki kellha kull persuna li ġiet magħżula għal kull vacancy li ħarġet minn Ġunju 2018 sa Mejju 2022 għall-gradi ta' Director u Deputy Director?

08/07/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub qed jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 27
03/10/2022

**SPORTMALTA – KUNTRATTI TAL-MANAGEMENT**

**2291. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratti tal-management ta' SportMalta, inkluż tal-Kap Eżekuttiv, diretturi u kapijiet tad-dipartimenti kollha li jaqgħu taħt SportMalta?

25/07/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-lista tal-karigi u l-ħlasijiet li jirċievi l-maniġment ta' SportMalta hu kif indikat fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 27
03/10/2022

**TA' KANDJA – SHOOTING RANGE NAZZJONALI**

**2299. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru:

a. Jinforma lill-Kamra x'kienet l-ispiża totali tax-Shooting Range nazzjonali f'Ta' Kandja; u
b. Iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra t-tqassim ta' din in-nefqa, inkluż lista tal-kumpaniji kollha li bbenefikaw minn din in-nefqa u l-ammont li kull kumpanija, flimkien mal-kontribuzzjoni eżatta, tat għal dan il-proġett?

02/08/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 27
03/10/2022

**TA' KANDJA – SHOOTING RANGE NAZZJONALI**

**2300. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jispjega lill-Kamra għaliex ix-Shooting Range f'Ta' Kandja jinsab fi stat ħażin, kif ġie rrapportat fil-media, wara nefqa ta' miljuni ta' Ewro ftit snin ilu?

02/08/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-Shooting Range f'Ta' Kandja hi operattiva. Ninfurmah ukoll li riċentament kien hemm tliet kompetizzjonijiet internazzjonali kif ukoll lokali mħejjija mill-Malta Shooting Sport Federation (MSSF) kif ukoll mill-FKNK. Uħud minn dawn il-kompetizzjonijiet kellhom ukoll attendenza minn tiratturi barranin li kollha faħħru ħafna l-post.

Seduta 27
03/10/2022

**TA’ KANDJA – SHOOTING RANGE NAZZJONALI**

**2301. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jispjega min hu responsabbli mill-manutenzjoni tax-Shooting Range f'Ta' Kandja?

02/08/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-responsabbiltà tal-manutenzjoni bażika tal-kumpless hi ta' Sport Malta.

Seduta 27
03/10/2022

**TA’ KANDJA – SHOOTING RANGE NAZZJONALI**

**2302. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jispjega meta se tissewwa x-Shooting Range f’Ta’ Kandja u x'se tiswa lill-pubbliku biex tissewwa?

02/08/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tiswija fuq ix-xibka kkaġunata minn riħ qawwi li laqtet lill-istess faċilità ser issir permezz ta' tender li ġie ppublikat fil-ġimgħat li għaddew. Rigward range numru 4 bħalissa għaddejja medjazzjoni mal-kuntrattur sabiex din tiġi riżolta. Infurmat li l-medjazzjoni tinsab f'fażi avvanzata.

Seduta 27
03/10/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ SAN PUBLIJU – PROBLEMA TA' VULTAĠĠ BAXX**

**2304. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista’ l-Ministru tgħid hemmx xi pjan biex tissolva l-problema ta’ vultaġġ baxx li qed jesperjenzaw ta’ kuljum ir-residenti fi Triq San Publiju, San Pawl il-Baħar, u meta għandhom jistennew li din tissolva?

03/08/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Enemalta bejn Lulju u Awwissu għamlet ix-xogħlijiet meħtieġa għat-tisħiħ tas-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku li fost oħrajn jaffettwa lir-residenti ta’ Triq San Publiju.

L-Enemalta għaddejja b’ritmu tajjeb bil-pjan tagħha biex issaħħaħ is-sistema tad-distribuzzjoni fil-pajjiż.

Seduta 27
03/10/2022

**KOTTONERA U KALKARA – LUKANDI LIĊENZJATI**

**2307. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra kemm huwa n-numru ta' lukandi liċenzjati biex joperaw fil-lokalitajiet tal-Kottonera u l-Kalkara?

17/08/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-informazzjoni li għaddietli l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu jidher li m’hemm l-ebda lukanda liċenzjata f’dawn il-lokalitajiet, però hemm numru ta’ stabbilimenti li huma konsidrati bħala akkomodazzjoni kollettiva kif ukoll numru ta’ postijiet li huma liċenzjati biex jospitaw it-turisti.
Seduta 27
03/10/2022

**KOTTONERA U KALKARA – POSTIJIET LIĊENZJATI BIEX JOSPITAW TURISTI**

**2308. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra kemm huwa n-numru ta' postijiet illi huma liċenzjati biex jospitaw it-turisti iżda li mhumiex lukandi fil-lokalitajiet tal-Kottonera u l-Kalkara?

17/08/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-informazzjoni li għaddietli l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, in-numru ta' hostels, holiday furnished premises, host families u guest houses fil-Kottonera u l-Kalkara jammontaw għal 192 u huma s-segwenti:

| ***Hostels (1)*** | ***Holiday Furnished Premises (149)*** | ***Host Families (30)*** | ***Guest Houses (12)*** |
|---|---|---|---|
| · Kalkara – 1 | · Bormla – 44 | · Bormla – 10 | · Bormla – 7 |
| | · Birgu – 49 | · Birgu – 10 | · Birgu – 1 |
| | · Isla – 35 | · Isla – 8 | · Isla – 3 |
| | · Kalkara – 21 | · Kalkara – 2 | · Kalkara - 1 |

Seduta 27
03/10/2022

**KOTTONERA U KALKARA – STABBILIMENTI TAL-IKEL LIĊENZJATI**

**2309. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar kemm huwa n-numru ta' stabbilimenti tal-ikel li huma liċenzjati li joperaw fil-Kottonera u l-Kalkara?

17/08/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-informazzjoni li għaddietli l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu jidher li hemm total ta' 63 stabbilimenti tal-ikel li huma liċenzjati li joperaw fil-Kottonera u l-Kalkara kif muri f'din it-tabella.

| ***Ristoranti (18)*** | ***Snack Bars (36)*** | ***Take-Aways (9)*** |
|---|---|---|
| · Bormla – 2 | · Bormla – 10 | · Bormla – 7 |
| · Birgu – 8 | · Birgu – 14 | · Birgu – 0 |
| · Isla – 6 | · Isla – 6 | · Isla – 1 |
| · Kalkara – 2 | · Kalkara – 6 | · Kalkara – 1 |

Seduta 27
03/10/2022

**INFRASTRUCTURE MALTA - IMPJEGATA**

**2310. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jikkonferma jekk il-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, hux se tkun qed tiġi impjegata ma' Infrastructure Malta? Jekk iva, x'se jkun ir-rwol tagħha u kemm se tkun ir-remunerazzjoni tagħha? Kif intgħażlet din il-persuna peress li ma kien hemm l-ebda sejħa pubblika?

24/08/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-persuna indikata ġiet trasferita fuq il-kotba ta' Infrastructure Malta minn entità oħra tal-Gvern u tokkupa kariga maniġerjali fl-istess livell tal-kariga oriġinali li kellha fl-entità indikata.

Seduta 27
03/10/2022

**FSWS – SOCIAL WORKERS**

**2344. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm social workers fi ħdan il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS)?

13/09/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li fil-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) hemm total ta' 314 ħaddiema soċjali.

Seduta 27
03/10/2022

**FSWS – SOCIAL WELFARE PROFESSIONALS**

**2345. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm social welfare professionals jaħdmu fi ħdan il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS)?

13/09/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li, fil-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) hemm total ta' 122 social welfare professionals.

Seduta 27
03/10/2022

**FSWS – SOCIAL WORKERS - PREREKWIŻITI**

**2346. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-prerekwiżiti biex wieħed jaħdem bħala social worker fi ħdan il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS)?

13/09/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li, sabiex wieħed jaħdem bħala ħaddiem soċjali jkollu bżonn waħda mill-kwalifiki kif indikat hawn taħt hekk kif jitlob il-Kap. 468 tal-Liġijiet ta' Malta li jirregola lill-istess professjoni. Dawn il-kwalifiki huma:

· Diploma (livell 5) fis-social work
jew
· Lawrija fil-livell ta' Baċċellerat (livell 6) fis-social work
jew
· Lawrija fil-livell ta' Master's (livell 7) fis-social work

Seduta 27
03/10/2022

**FSWS – SOCIAL WELFARE PROFESSIONALS - PREREKWIŻITI**

**2347. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-prerekwiżiti biex wieħed jaħdem bħala social welfare professional fi ħdan il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS)?

13/09/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li, sabiex wieħed jaħdem bħala Social Welfare Professional (SWP) jkollu bżonn il-kwalifika f'Livell 6 fl-Istudji Umanistiċi (Humanities).

Seduta 27
03/10/2022

**FSWS – SOCIAL WORKERS U SOCIAL WELFARE PROFESSIONALS – RWOLI U FUNZJONIJIET**

**2348. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid x'jiddistingwi r-rwoli u l-funzjonijiet tas-social workers u s-social welfare professionals fi ħdan il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS)?

13/09/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li s-Social Work hi professjoni illi hi rregolata mill-Kap. 468 tal-Liġijiet ta' Malta u hija professjoni li hija abbinata ma' taħriġ speċifiku.

Meta l-istudenti jiggradwaw bħala ħaddiema soċjali, ikunu l-ewwel iridu jagħmlu perjodu ta' sentejn ta' xogħol taħt superviżjoni biex wara jingħataw warrant illi jippermettilhom jerfgħu ċerti responsabbiltajiet professjonali, u anke jaħdmu b'mod aktar indipendenti u mhux aktar taħt is-superviżjoni ta' social worker ieħor.

Is-Social Work, bħala professjoni, taqdi erba' rwoli prinċipali mal-klijenti tagħha. Dawn huma:
1. Rwol ta' għalliem soċjali;
2. Rwol ta' facilitator fil-ħajja tal-klijenti;
3. Rwol ta' medjatur (mhux legali) fejn hemm bżonn;
4. Rwol ta' social broker fejn dan iqabbad lil klijent ma' servizzi li huma idoneji għal persuna.

Permezz ta' proċess ikkurat ta' assessment, is-social worker jipprova jifhem il-persuna li qed jgħin x'għandha bżonn sabiex tintegra iktar fis-soċjetà u b'hekk ikun mfassal pjan ta' kura (care plan) kemm jista' jkun totali sabiex ċertu nuqqasijiet ikunu sorveljati u eventwalment riżolti.

Funzjoni oħra importanti ta' ħaddiem soċjali hi li jiġġenera rapporti illi apparti li joffru sfond ta' verifika u assessment, joffru ukoll opinjoni jew ipoteżi informata skont il-mestier.

Is-Social Welfare Professional hu titlu, illi fl-FSWS jingħata lil dawk il-professjonisti illi huma ggradwati f'suġġetti umanitarji illi għandhom it-taħriġ neċessarju sabiex jassistu lin-nies fuq diffikultajiet prattiċi. Filwaqt li Social Welfare Professional ma jistax jieħu inkarigu b'mod indipendenti, jew jagħmel interventi li huma iktar intiżi sabiex jgħinu lil persuna tinbena għal bidla, dawn il-professjonisti jagħmlu ħafna xogħol siewi ta' assessjar, verifiki, ġbir ta' informazzjoni, assistenza prattika mal-klijenti, eċċ. Is-Social Welfare Professional, bħas-Social Worker jagħmel rapporti fuq verifiki illi jkun għamel, imma dan ma jistax jagħmel ipoteżi soċjali fuq il-każ inkwistjoni, anke għax diversi liġijiet bħal dik tal-protezzjoni tal-minuri u tal-vjolenza domestika jitolbu li tali rapporti, speċjalment fejn iridu jiġu ppreżentati fil-Qrati jridu jsiru minn social worker bil-warrant.

Tajjeb li nikkonkludi billi ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li n-nomenklatura ta' Social Welfare Professional (SWP) mhix professjoni ivvintata u kkreata milll-FSWS imma hija professjoni u nomenklatura li qed tintuża wkoll barra minn Malta u dan minħabba li f'pajjiżi barranin ukoll hemm nuqqas ta' social workers u li, allura, qed jiġu indirizzat ukoll b'dan il-mod.

Seduta 27
03/10/2022

**MFSA – ENTITAJIET LIĊENZJATI**

**2351. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jipprovdi tabella li turi kemm-il entità liċenzjata mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) tat surrender volontarja tal-liċenzja tagħha, għal kull sena mill-2017 sal-2022? Jista' jqassam dawn l-entitajiet skont it-tip ta' entità (jekk hijiex trust/fiduciary; SICAV; crypto jew tali exchange; jew oħrajn)?

16/09/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant, li l-informazzjoni mitluba tiġi ppubblikata mill-MFSA fir-rapporti annwali tagħha, u dawn huma kollha disponibbli fuq is-sit tal-entità.

Seduta 27
03/10/2022

**SPTAR MATER DEI - KONSULENTI**

**2352. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jindika kemm huwa n-numru ta' konsulenti li hemm fl-Isptar Mater Dei u x'tip ta' xogħol qed iwettqu?

19/09/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. interpellant illi n-numru ta' konsulenti li hemm fl-Isptar Mater Dei u t-tip ta' xogħol li qed iwettqu huwa kif jidher fit-tabella annessa hawn taht.

| **Dipartiment** | **Numru ta Konsulenti** |
|---|---|
| **A& E** | 16 |
| **ITU & Anaesthesia** | 40 |
| **Cardiac Services** | 14 |
| **Medicine** | 41 |
| **Neurosciences** | 9 |
| **Obs & Gynae** | 10 |
| **Ophthalmology** | 9 |
| **Orthopaedics** | 13 |
| **Paediatrics** | 21 |
| **Surgery** | 36 |
| **Hyperbaric Unit** | 2 |
| **Infection control** | 1 |
| **Medical Imaging** | 21 |
| **Pathology** | 19 |
| **SAMOC** | 8 |
| **Dermatology** | 6 |
| **CMO/Cardiothorasic Surgery** | 1 |
| **Medical Director / Surgery** | 1 |
| **Medical Administrator** | **1** |
| **Clinical Performance Unit** | 1 |
| **Administrative and Team Management** | 1 |
| **Risk Management** | 1 |
| | 272 |

Seduta 27
03/10/2022

**SPTAR MATER DEI – SOCIAL WORKERS**

**2353. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jindika kemm hemm social workers fl-Isptar Mater Dei u x'tip ta' xogħol qed iwettqu dawn il-professjonisti?

19/09/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illli fl-Isptar Mater Dei hemm tim li jikkonsisti f'Service Area Leader, assistenta tagħha u disa' social workers oħra li kollha jagħmlu dan it-tip ta' xogħol. Is-servizz huwa provdut kemm lill-pazjenti kif ukoll lill-qraba tagħhom bil-għan li jiġu pprovduti s-servizzi kollha

meħtieġa biex jgħinu jiffaċilitaw il-proċess biex il-persuni rikoverati jiġu integrati lura fis-soċjetà u fl-ambjent tagħhom.

Seduta 27
03/10/2022

**DJAR RESIDENZJALI TAL-ANZJANI – LAQGĦAT BL-INVOLVIMENT TAR-RESIDENTI**

**2354. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru laqgħat fid-Djar Residenzjali tal-Anzjani bl-involviment tar-residenti? Fejn saru dawn il-laqgħat u f'liema ġranet saru matul din is-sena?

19/09/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-laqgħat li saru matul din is-sena fid-Djar Residenzjali tal-Anzjani bl-involviment tar-residenti fid-Djar Residenzjali tal-Gvern u Djar li l-Gvern għandu ftehim magħhom għal xiri ta' sodod, ħa jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 27
03/10/2022

**MARSASKALA – PROĠETT TAL-VAJRITA**

**2355. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm ilu wieqaf is-servizz li kien mogħti fil-Vajrita, f'Marsaskala, u meta se jerġa' jinbena mill-ġdid dan il-proġett biex ilaħħaq mad-domanda ta' persuni b'diżabilità intellettwali li qegħdin fil-lista ta' stennija?

19/09/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Aġenzija Sapport waqfet tagħti servizz mill-binja ta' Vajrita f'Marsaskala 4 snin ilu. Il-persuni b'diżabilità li kienu jagħmlu użu minn dan is-servizz bdew jingħataw servizz residenzjali u/jew matul il-jum minn binjiet oħra u għalhekk ma kienx hemm waqfa fl-għoti tas-servizzi lil dawn il-persuni.
Sadanittant tkompla l-proċess ta' żvilupp ta' dan is-sit. Il-fażi ta' twaqqigħ tlestiet. L-approvazzjoni tal-permess tal-bini hija skedata għall-4 ta' Ottubru 2022. L-abbozzar tat-Tender għal xogħlijiet strutturali jibda wara l-approvazzjoni uffiċjali tal-permess u l-periti inkarigati mill-proġett jistmaw li jitlesta fi żmien 3 snin.

Seduta 27
03/10/2022

**MANAGERS U SENIOR MANAGERS – PERFORMANCE BONUS**

**2356. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru:
a. tgħid għaliex is-Senior Managers u Managers li kienu jiffurmaw parti mill-Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar għadhom ma tħallsux il-performance bonus dovut għax-xogħol li twettaq fis-sena 2021?
b. tidentifika data raġonevoli sa meta l-performance bonus ta' kull sena għandu jitħallas?

19/09/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-performance bonuses li qed tirreferi għalihom l-Onor. Interpellanta tħallsu. Dawn il-ħlasijiet isiru ladarba jitlesta l-proċess tal-appraisal u jsiru l-verifiki u l-komputazzjonijiet meħtieġa.

Seduta 27
03/10/2022

**SENIOR MANAGERS U MANAGERS**

**2357. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tispjega għaliex is-Senior Managers u Managers ingħataw rata tal-pagament tal-performance bonus tas-sena 2020 inqas mir-rata li ġiet maqbula bejn l-impjegat u s-superjur tiegħu/tagħha fuq is-sistema tal-performance bonus, li suppost hija sistema trasparenti li tippremja lill-impjegat skont ix-xogħol li jkun wettaq?

19/09/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Enemalta għaddejja b'programm vast ta' xogħlijiet biex issaħħaħ is-sistema tad-distribuzzjoni inkluż f'Ħal Qormi. Fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju saru xogħlijiet ta' bbilanċjar fuq il-*low voltage* fi Triq Bellić. Sa nofs Ottubru huwa ppjanat li jitlesta x-xogħol ta' rinfurzar inkluż tqieħed ta' *LV feeder* ġdid. Dan għandu isaħħaħ id-distribuzzjoni tal-elettriku fi Triq San Edwardu.

Seduta 27
03/10/2022

**AIR MALTA - ĦADDIEMA TRASFERITI MA' ENTITAJIET TAĦT IL-MINISTERU RESPONSABBLI MIT-TRASPORT**

**2383. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' nies li kienu jaħdmu mal-Air Malta u li ġew trasferiti f'entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru responsabbli mit-Trasport? Fejn ġew impjegati; x'inhi l-kariga li ngħataw; x'inhi l-iskala; kemm hu s-salarju tagħhom u kemm fadlilhom snin servizz sakemm jiġu għall-età tal-irtirar?

19/09/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.
Seduta 27
03/10/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, INFRASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI – ENTITAJIET – NIES FIT-TMEXXIJA LI WASLU BIEX JIRTIRAW**

**2384. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' kemm hemm nies li qegħdin imexxu l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu fil-vesti ta CEOs jew Heads li waslu għall-età tal-irtirar u jekk itteħdux passi biex ikun hemm succession plan biex meta dawn jirtiraw l-entità tibqa' għaddejja mingħajr ebda skossi?

19/09/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Intepellant li fl-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru ma hemm l-ebda CEO jew Head li waslu għall-età tal-irtirar.

Seduta 27
03/10/2022

**ENTITAJIET LI JAQGĦU TAĦT IL-MINISTERU – ADVISORS IMPJEGATI**

**2385. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti lista għal kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm huwa l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

19/09/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nirreferi l-Onor. Interpellant ghall- Mistoqsija Parlamentari 1420.
Seduta 27
03/10/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, INFRASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI – ADVISORS IMPJEGATI**

**2386. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm impjega advisors fil-Ministeru tiegħu u kemm hu t-total tan-nefqa għal dan is-servizz?

19/09/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 27
03/10/2022

**INFERMIERA MINN PAJJIŻI TERZI**

**2387. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm daħlu infermiera ġodda minn pajjiżi terzi mill-bidu tas-sena sakemm titwieġeb il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid mil-liema pajjiżi huma? Jista' jgħid jekk, biex jaħdmu hawn Malta, jsirx top up course, kemm idum, min jofrih, jekk isirx ħlas u jekk iva, kemm? Jista' jgħid x'qed isir biex jiġu infermiera minn barra għax rapporti wrew li dawn qed jitilqu u mhux jiġu?

19/09/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor.Interpellant illin-nurses gradwati mill-Università ta' Malta u mill-MCAST kollha jkunu offruti impjieg mas-servizz tas-saħħa tal-Gvern irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom. Fil-fatt din is-sena diġà gew ingaġġati 99 nurse mal-Gvern.

Seduta 27
03/10/2022

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - ENCROACHMENT AGREEMENT MAL-MALTA INDUSTRIAL PARKS (INDIS MALTA)**

**2388. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kien hemm entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li kellhom encroachment agreement ma' Malta Industrial Parks li saret INDIS Malta u li kienu qegħdin iħallsu pagamenti kull xahar però wara ċert żmien dan l-encroachment agreement temmewh mingħajr qatt ma intużaw il-binjiet li għalihom kienet qed titħallas il-kera? Minn 2018 'il quddiem u jekk ittiħditx azzjoni fejn sar infiq bla bżonn u ħela?

19/09/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 27
03/10/2022

**KOTTONERA: KUMPLESS SPORTIV – XOGĦLIJIET FUQ IL-PIXXINA**

**2424. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jaġġorna lill-Kamra dwar ix-xogħlijiet fuq il-pixxina fil-kumpless sportiv tal-Kottonera? Jista' jikkonferma ż-żmien meta dan il-proġett jitlesta?

22/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet għaddejin b'ritmu mgħaġġel. Il-pixxina mistennija tibda' topera matul is-sena 2023.

Seduta 27
03/10/2022

**POYC – PILLOLI TAL-WARFARINA**

**2430. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex ċertu spiżeriji li kienu jaqdu l-klijenti tagħhom taħt l-iskema tal-POYC bil-pilloli tal-Warfarina ma setgħux ikomplu jagħmlu dan wara l-31 ta' Awwissu li għadda għax l-istock li kellhom kien validu sal-31 ta` Awwissu 2022 u ma ġewx fornuti bi stock ġdid?

22/09/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tliet dożi tal-pilloli tal-Warfarina dejjem baqgħu fornuti, minkejja illi l-użu tagħhom issa qed jonqos bl-introduzzjoni tal-medicina ġdida Rivaroxaban. Kien hemm jumejn fl-aħħar ta' Awwissu meta doża waħda kellha tiġi rtirata minħabba l-validità. Din id-doża b'data ta' skadenza ġdida issa ġiet fornuta fl-ispizerji kollha.

Seduta 27
03/10/2022

**TA' QALI – DAWL FIT-TOROQ**

**2500. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid għaliex huma biss it-toroq ta' biswit l-istadium ġewwa Ta' Qali li huma mdawla? Jaf il-Ministru li ż-żona minn fejn il-*mini aircraft field* sal-bidu ta' Ta Qali, li hija żona frekwentata minn persuni li jmorru jimxu jew jiġġoggjaw, hija kompletament mudlama? Meta ser tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni ?

27/09/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-Mistoqsija Parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 27
03/10/2022

**PROMENADE TAL-IMSIDA - XOGĦLJIIET**

**2501. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Fid-dawl tat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 1460, fejn intqal li x-xogħlijiet fuq il-promenade tal-Imsida ser jitlestew sal-aħħar ta' Awwissu u fid-dawl tal-fatt li dawn għadhom 'il bogħod milli jitlestew, jista' l-Ministru jispjega għaliex dawn ix-xogħlijiet għadhom ma tlestewx u meta jantiċipa issa li ser jitlestew?

27/09/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan il-proġett jinsab fi stadju avvanzat iżda kien hemm problemi loġistiċi min-naħa tal-kuntrattur fejn jidħlu provisti tal-materjal tal-pavimentar peress li dan qed jinġieb kollu minn barra minn Malta, kif ukoll nuqqas ta' riżorsi umani. Barra minn hekk ix-xogħol ta' pavimentar fuq il-parti viċin l-islipway, twaqqaf għal 15-il ġurnata minn nofs Settembru sal-bidu t'Ottubru biex jingħata ċans lis-sidien ta' bċejjeċ tal-baħar jużaw l-islipway ħalli jtellgħu d-dgħajjes tagħhom għax-xitwa.

Seduta 27
03/10/2022

**ENTITÀ GĦAL SERVIZZI LIL PRIĠUNIERI NISA**

**2502. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Fid-dawl tat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 1461, jista' l-Ministru jgħid jekk ġewx konklużi d-diskussjonijiet mal-Fondazzjoni RISe u meta ser tiġi introdotta faċilità simili għall-priġunieri nisa?

27/09/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Il-proġetti mal-Fondazzjoni RISe saru minn dan il-Gvern li Investa ħafna aktar fir-riabilitazzjoni tal-priġunieri. Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-diskussjonijiet mar-RISe jsiru b'mod kontinwu tul is-sena u mhux b'inqas fuq dan il-proġett. Irid jintqal li fuq il-proġett diġà saru l-pjanti li ġew sottomessi lill-Awtorità tal-Ippjanar. Il-koordinament dwar il-proġett tad-dar il-ġdida jaqa' taħt ir-responsabilità tal-Ministeru għall-Familja.

Seduta 27
03/10/2022

**RAPPORTI TA' SERQ LI ĠEW SOLVUTI**

**2503. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 547 u jgħid kemm kien hemm rapporti ta' serq, xahar b'xahar, fis-sena 2021 u kemm minn dawn ġew solvuti? Tista' tingħata lista tal-lokalitajiet fejn saru dawn ir-rapporti?

27/09/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi fis-sena 2021 in-numru ta' każijiet ta' serq li ġew irrapurtati fis-sistema elettronika tal-Pulizija, fil-lokalitajiet diversi f'dawn il-gżejjer, huwa kif jidher fit-tabella riprodotta hawn taħt. Minn dawn il-każijiet, 813 minnhom ġew solvuti filwaqt investigazzjonijiet fuq l-oħrajn għadhom għaddejjin. Id-dettalji dwar ir-reati solvuti matul dik is-sena ġew aġġornati manwalment sal-20 ta' Ġunju, 2022 peress li dawn ivarjaw regolarment, u dan involva dedikazzjoni ta' ħafna ħin u riżorsi. Wara arranġamenti li ġew introdotti fl-aħħar xhur tas-sena 2020, reati li jiġu rrapurtati minn sezzjonijiet speċjalizzati tal-Korp, ikunu miżjuda wkoll fl-istess sistema.

| **Lokalita** | **Jannar** | **Frar** | **Marzu** | **April** | **Mejju** | **Ġunju** | **Lulju** | **Awwissu** | **Settembru** | **Ottubru** | **Novembru** | **Diċembru** | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ATTARD | 3 | 5 | 7 | 4 | 3 | 2 | 4 | 4 | 3 | 8 | 8 | 3 | **54** |
| BALZAN | 3 | 0 | 2 | 2 | 3 | 1 | 1 | 3 | 1 | 2 | 1 | 1 | **20** |
| BIRGU | 1 | 2 | 2 | 1 | 3 | 1 | 2 | 5 | 0 | 1 | 3 | 2 | **23** |
| BIRKIRKARA | 9 | 10 | 19 | 10 | 11 | 14 | 15 | 13 | 16 | 14 | 16 | 18 | **165** |
| BIRŻEBBUĠA | 9 | 10 | 7 | 7 | 19 | 7 | 13 | 20 | 10 | 8 | 5 | 4 | **119** |
| BORMLA | 12 | 5 | 4 | 1 | 3 | 6 | 2 | 4 | 8 | 16 | 18 | 5 | **84** |
| DINGLI | 4 | 0 | 1 | 0 | 0 | 2 | 0 | 2 | 3 | 1 | 1 | 1 | **15** |
| FGURA | 7 | 6 | 6 | 5 | 6 | 4 | 3 | 5 | 3 | 5 | 9 | 1 | **60** |
| FLORIANA | 2 | 7 | 5 | 10 | 11 | 3 | 8 | 5 | 5 | 4 | 3 | 5 | **68** |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| FONTANA - GĦAWDEX | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | **1** |
| GĦAJNSIELEM - GĦAWDEX | 2 | 4 | 1 | 2 | 0 | 5 | 4 | 5 | 6 | 0 | 1 | 1 | **31** |
| GĦARB - GĦAWDEX | 0 | 0 | 1 | 1 | 0 | 1 | 1 | 1 | 0 | 1 | 0 | 0 | **6** |
| GĦARGĦUR | 1 | 1 | 0 | 0 | 1 | 1 | 1 | 2 | 0 | 2 | 1 | 1 | **11** |
| GĦASRI - GĦAWDEX | 0 | 0 | 2 | 0 | 1 | 0 | 0 | 1 | 0 | 1 | 0 | 0 | **5** |
| GĦAXAQ | 0 | 6 | 5 | 9 | 3 | 1 | 1 | 1 | 1 | 5 | 5 | 1 | **38** |
| GUDJA | 5 | 4 | 0 | 2 | 3 | 4 | 6 | 2 | 6 | 5 | 4 | 0 | **41** |
| GŻIRA | 9 | 15 | 5 | 12 | 12 | 16 | 11 | 9 | 15 | 11 | 8 | 12 | **135** |
| ĦAMRUN | 12 | 17 | 15 | 15 | 20 | 16 | 12 | 13 | 13 | 12 | 24 | 20 | **189** |
| IKLIN | 2 | 2 | 0 | 1 | 1 | 0 | 1 | 2 | 1 | 1 | 0 | 1 | **12** |
| ISLA | 1 | 1 | 1 | 2 | 1 | 2 | 4 | 5 | 0 | 2 | 1 | 2 | **22** |
| KALKARA | 1 | 1 | 5 | 0 | 1 | 3 | 1 | 7 | 3 | 2 | 1 | 1 | **26** |
| KERĊEM - GĦAWDEX | 1 | 0 | 1 | 0 | 1 | 1 | 1 | 0 | 1 | 1 | 0 | 0 | **7** |
| KIRKOP | 2 | 0 | 0 | 0 | 3 | 1 | 1 | 0 | 1 | 1 | 1 | 0 | **10** |
| LIJA | 1 | 2 | 0 | 0 | 0 | 1 | 1 | 0 | 0 | 1 | 2 | 0 | **8** |
| LUQA | 4 | 4 | 4 | 4 | 3 | 9 | 7 | 5 | 6 | 6 | 5 | 4 | **61** |
| MARSA | 12 | 12 | 12 | 16 | 21 | 11 | 18 | 9 | 9 | 16 | 27 | 13 | **176** |
| MARSASKALA | 7 | 14 | 14 | 12 | 12 | 12 | 9 | 11 | 8 | 8 | 5 | 5 | **117** |
| MARSAXLOKK | 2 | 2 | 3 | 2 | 5 | 6 | 8 | 4 | 5 | 4 | 3 | 4 | **48** |
| MDINA | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 1 | 0 | **2** |
| MELLIEĦA | 7 | 3 | 7 | 5 | 3 | 4 | 10 | 11 | 19 | 7 | 2 | 2 | **80** |
| MĠARR | 1 | 4 | 1 | 4 | 2 | 2 | 3 | 3 | 8 | 2 | 1 | 3 | **34** |
| MOSTA | 10 | 13 | 15 | 5 | 12 | 8 | 15 | 4 | 7 | 8 | 11 | 15 | **123** |
| MQABBA | 1 | 0 | 0 | 2 | 2 | 0 | 1 | 1 | 2 | 0 | 1 | 1 | **11** |
| MSIDA | 7 | 9 | 11 | 11 | 12 | 10 | 11 | 14 | 13 | 20 | 12 | 13 | **143** |

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| MTARFA | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 1 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 1 | **5** |
| MUNXAR - GĦAWDEX | 1 | 1 | 0 | 0 | 1 | 0 | 1 | 0 | 1 | 1 | 0 | 0 | **6** |
| NADUR - GĦAWDEX | 3 | 1 | 3 | 0 | 1 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 | 1 | 1 | **11** |
| NAXXAR | 5 | 10 | 11 | 5 | 4 | 3 | 6 | 8 | 6 | 4 | 5 | 1 | **68** |
| PAOLA | 6 | 7 | 3 | 8 | 11 | 7 | 8 | 14 | 12 | 4 | 15 | 8 | **103** |
| PEMBROKE | 0 | 2 | 0 | 1 | 1 | 1 | 2 | 3 | 0 | 1 | 6 | 0 | **17** |
| PIETÀ | 3 | 6 | 4 | 5 | 6 | 4 | 12 | 7 | 6 | 6 | 6 | 7 | **72** |
| QALA - GĦAWDEX | 1 | 0 | 0 | 1 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **3** |
| QORMI | 16 | 13 | 16 | 15 | 22 | 23 | 26 | 21 | 23 | 11 | 25 | 16 | **227** |
| QRENDI | 2 | 1 | 0 | 2 | 0 | 1 | 3 | 2 | 0 | 3 | 0 | 0 | **14** |
| RABAT | 8 | 9 | 9 | 13 | 3 | 2 | 5 | 4 | 3 | 7 | 7 | 12 | **82** |
| RABAT - GĦAWDEX | 4 | 0 | 3 | 1 | 3 | 2 | 3 | 6 | 5 | 4 | 1 | 4 | **36** |
| SAFI | 0 | 1 | 0 | 1 | 1 | 1 | 0 | 1 | 0 | 2 | 0 | 2 | **9** |
| SAN ĠILJAN | 15 | 12 | 10 | 6 | 8 | 40 | 100 | 114 | 42 | 44 | 46 | 33 | **470** |
| SAN ĠWANN | 3 | 9 | 12 | 4 | 8 | 4 | 9 | 5 | 9 | 7 | 8 | 4 | **82** |
| SAN LAWRENZ - GĦAWDEX | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 | 1 | 2 | 0 | 0 | 0 | **4** |
| SAN PAWL IL-BAĦAR | 33 | 23 | 19 | 24 | 33 | 45 | 49 | 51 | 32 | 36 | 17 | 20 | **382** |
| SANNAT - GĦAWDEX | 0 | 1 | 1 | 2 | 0 | 0 | 1 | 0 | 1 | 0 | 1 | 0 | **7** |
| SANTA LUĊIJA | 0 | 1 | 0 | 3 | 2 | 2 | 2 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | **11** |
| SANTA VENERA | 5 | 5 | 7 | 4 | 5 | 2 | 6 | 5 | 5 | 1 | 12 | 6 | **63** |
| SIĠĠIEWI | 2 | 3 | 1 | 1 | 6 | 3 | 2 | 4 | 3 | 3 | 1 | 1 | **30** |
| SLIEMA | 14 | 17 | 16 | 8 | 28 | 35 | 17 | 14 | 22 | 16 | 14 | 15 | **216** |
| SWIEQI | 2 | 3 | 2 | 4 | 2 | 4 | 4 | 9 | 9 | 5 | 3 | 3 | **50** |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| TA' XBIEX | 6 | 1 | 8 | 0 | 6 | 6 | 6 | 6 | 5 | 5 | 1 | 2 | **52** |
| TARXIEN | 6 | 1 | 4 | 1 | 2 | 2 | 1 | 5 | 4 | 0 | 6 | 3 | **35** |
| VALLETTA | 10 | 13 | 12 | 8 | 11 | 11 | 19 | 16 | 9 | 17 | 8 | 21 | **155** |
| XAGĦRA - GĦAWDEX | 1 | 2 | 0 | 2 | 1 | 3 | 2 | 2 | 1 | 2 | 1 | 0 | **17** |
| XEWKIJA - GĦAWDEX | 1 | 4 | 3 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 0 | 0 | 1 | 2 | **16** |
| XGĦAJRA | 3 | 0 | 0 | 1 | 1 | 0 | 1 | 0 | 1 | 2 | 0 | 0 | **9** |
| ŻABBAR | 10 | 9 | 7 | 5 | 3 | 5 | 10 | 6 | 6 | 9 | 14 | 3 | **87** |
| ŻEBBUG | 9 | 4 | 9 | 15 | 3 | 5 | 8 | 1 | 2 | 4 | 5 | 2 | **67** |
| ŻEBBUG - GĦAWDEX | 2 | 0 | 3 | 3 | 6 | 1 | 3 | 5 | 5 | 1 | 3 | 0 | **32** |
| ŻEJTUN | 7 | 5 | 11 | 9 | 5 | 1 | 7 | 2 | 2 | 4 | 7 | 6 | **66** |
| ŻURRIEQ | 2 | 1 | 1 | 3 | 5 | 1 | 4 | 2 | 4 | 2 | 4 | 0 | **29** |

Seduta 27
03/10/2022

**KAŻIJIET TA' VJOLENZA DOMESTIKA**

**2504. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 548 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 173, mit-total ta' 1741 rapport ta' vjolenza domestika, jista' l-Ministru jgħid kemm minn dawn waslu għall-proċeduri fil-Qorti? Kemm minn dawn il-każijiet kienu rapporti ta' vjolenza fuq nisa? Kemm minn dawk il-każijiet li tressqu l-Qorti, ġew deċiżi?

27/09/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi mit-total ta' 1741 rapport ta' vjolenza domestika indikati fit-tweġiba għall-mistoqsija 173, wara li d-dettalji ġew aġġornati manwalment sal-20 ta' Ġunju, 2022 b'dedikazzjoni ta' ħafna ħin, peress li dawn ivarjaw regolarment, irriżulta illi wasslu biex tressqu persuni l-Qorti, f'elf ħames mija u tlett (1503) każi. Vittmi fil-każijiet kollha, inkluż dawk li qed jiġu investigati u fejn ma kienx hemm każ, kien hemm elf, erba' mija u erbgħax (1414) nisa u ħames mija u tmintax (518) irġiel. Mill-każijiet li tressqu l-Qorti, erba' mija u wieħed u disgħin (491) ġew deċiżi.

Seduta 27
03/10/2022

**AFM – OPERAZZJONIJIET BARRA MINN MALTA**

**2505. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-operazzjonijiet barra minn Malta li l-Armata tipparteċipa fihom?

27/09/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** B'referenza għall-Mistoqsija Parlamentari 2505, ninsab infurmat illi l-Forzi Armati ta' Malta hi parteċipi f'dawn l-operazjonijiet barra minn xtutna:

1. Kontroll tal-fruntieri marittimi esterni Ewropej taħt il-kappa ta "Frontex Joint Operation POSEIDON" ġewwa l-Greċja.
2. Kontroll tal-fruntieri terrestri esterni Ewropej taħt il-kappa ta "Frontex Joint Operation TERRA" ġewwa l-Bulgarija.
3. EU NAVFOR SOMALIA, Operation ATALANTA – fil-kwartieri ġenerali ġewwa Rota, Spanja.
4. United Nations Interim Force in Lebanon (UNIFIL).

Seduta 27
03/10/2022

**KUNSILL GĦALL-ANZJANI LI JGĦIN LILL-KUMMISSARJU GĦALL-ANZJANI**

**2511. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1300, 1593 u 1871 u jgħid minn min hu kompost il-Kunsill għall-Anzjani li jgħin lill-Kummissarju għall-Anzjani? Jista' jgħid jekk apparti ċ-Chairperson u s-sitt membri oħra maħtura skont il-liġi, ġewx maħtura aktar membri mill-Kunsill? Jekk inhu l-każ, jista' jgħid min huma dawn il-membri?

28/09/2022

**ONOR. JO-ETIENNE ABELA:** Il- Kunsill għall-Anzjani li jgħin lill-Kummissarju huwa kompost skont il-liġi min:

| | |
|---|---|
| Chairperson: | Prof. Godfrey Laferla |
| Membri: | Is-Sur Ludgard Scicluna |
| | Sa Joyce Debono |
| | Is-Sur Joseph Zarb Adami (MFH) |
| | Is-Sur Norman Grech (MEYR) |
| | Dr Anthony Degiovanni (rappreżentant tal-Kunsill Nazzjonali għall-Anzjani) |
| | Is-Sur Peter Paul Bonnici (rappreżentant tal-Kunsill Nazzjonali għall-Anzjani) |

Seduta 27
03/10/2022

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAULE – RAKKOMANDAZZJONIJIET**

**2512. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jelenka fid-dettall x'kienu r-rakkomandazzjonijiet kollha li għamel l-Imħallef li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament fir-rapport tiegħu dwar l-għejbien ta' anzjan li d-dettalji dwaru wkoll qed jingħataw separatament mir-Residenza San Vinċenz de Paule fit-28 ta' Ġunju 2022? Jista' jgħid liema minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet ser ikun qed jiġu implimentati u liema rakkomandazzjonijiet diġà qed jiġu implimentati?

28/09/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta bis-segwenti:
1. **Użu ta' tracking devices/alert devices:** Se tiġi imnehdija konsultazzjoni pubblika fuq l-użu ta' tracking devices mill-Ministeru tal-Anzjanita' Attiva u Kura fil-Komunita'. Ir-Residenza San Vinċenz qegħda tipparteċipa b'mod attiv fid-diskussjonijiet sabiex eventwalment jiġu implimentati r-rizultanzi.

2. **Gwida fuq kif isiru l-allokazzjoni tas-swali:** Qed jiġu mħejjija linji gwida sabiex il-professjonisti mediċi jkunu jistgħu jsegwu meta jsiru l-allokazzjonijiet tas-swali . La darba dawn jitlestu, għandhom jiġu addottati u implementati minn San Vinċenz bħala Policy.

3. **Sorveljanza ta' siti ta' dħul u ħruġ ġewwa San Vinċenz u tan-nies deħlin u ħergin minn San Vinċenz:** Qed isir analiżi sabiex jiġi assigurat il-livell ta' sorveljanza permezz ta' CCTV cameras li hemm installati ġewwa

r-Residenza. Sar ukoll ezerċizzju sabiex jiġu rilokati numru ta' CCTV cameras b'mod strateġiku sabiex jitneħħew minn dawl dirett li seta' jaffettwa l-viżibilita' tagħhom. Minbarra dan, San Vinċenz żiedet in-numru ta' uffiċjali tas-Sigurta' sabiex tkun assigurata sorveljanza bil-preżenza fiżika fis-swali.

4. **Skrutinju tal-ħiliet tal-impjegati:** L-ingaġġar u reklutaġġ tal-impjegati kollha jsir skont ir-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, u l-impjegati kollha huma marbutin bil-*job descriptions* rispettivi tagħhom. L-infermiera huma ukoll obbligati li jippreżentaw ċertifikat ta' reġistrazzjoni maħrug mill-Kunsill tal-Infermiera. Fil-każ ta' infermiera barranin, dawn huma obbligati li jagħmlu *placements* qabel ma' jkunu eliġibbli għar-reġistrazzjoni. Barra minn hekk, il-*carers* kollha għandhom jippreżentaw iċ-ċertifikati ta' kompetenza. Jingħataw ukoll *induction courses* permezz tagħhom jiġu stabbiliti l-ħiliet tal-carers. Jsiru ukoll *refresher courses* għall-impjegati kollha ġewwa San Vinċenz organizzati miċ-Ċentru ta' Taħrig, ġewwa San Vinċenz.

5. **Rappurtar ta' Inċidenti:** L-amministrazzjoni ta' San Vinċenz, kontinwament tisħaq illi l-infermiera u s-senior management għandhom jagħmlu rapport dettaljat f'każ ta' inċidenti, liema rapporti għandhom imbagħad jiġu investigati.

6. **Notamenti:** Wara li sar audit fuq ir-records miżmumin minn San Vinċenz, rriżulta li fil-maġġoranza assoluta (98 %) tal-każijiet, n-noti u r-records fil-files mediċi huma ċari u dettaljati. Preżentement, qegħda tiġi esplorata l-possibilta' li tiġi introdotta sistema komputerizzata li fuqha jinżammu r-records kollha u n-notamenti li jsiru mill-professjonijisti.

7. **Standard Operating Procedures:** Bħala regola, l-iStandard Operating Procedures kollha jiġu aġġornati kull tlitt snin, jew skont l-eżiġenzi jekk ikun il-każ.

8. **Kontroll ta' viżitaturi:** Kull viżitatur ġewwa San Vinċenz, għandu jagħmel appuntament minn qabel u għandu wkoll jirreġistra fil-main reception meta jżur ir-Residenza. Minbarra dan, il-viżitatur qiegħed jingħata *wristband* kkulurita. L-amministrazzjoni ta' San Vinċenz ħadet ħsieb ukoll li żżid il-preżenza ta' uffiċjali tas-sigurtà. Uħud minn dawn l-uffiċjali qed ikunu stazzjonati fl-entraturi tas-swali. Apparti sorveljanza ta' min dieħel u ħiereġ fis-swali, l-uffiċjali tas-sigurtà jaraw ukoll li kull viżitatur għandu *wristband*; li l-impjegati kollha jilbsu *identification tags* u jinżamm rekord tar-residenti li joħorgu mis-sala.

9. **Kamra tal-uffiċjali tas-sigurtà:** Preżentement, hemm kamra tas-sigurtà, mgħammra b'apparat apposta sabiex tkun tista' ssir is-sorveljanza tas-Residenza kollha 24 siegħa kuljum. F'din il-kamra jkun hemm tal-anqas uffiċjal tas-sigurtà wieħed il-ħin kollu.

10. **Aktar komunikazzjoni bejn staff u management:** Ser isiru aktar sforzi sabiex il-komunikazzjoni u l-interazzjoni bejn l-impjegati u l-management jissaħħu u b'hekk tissaħħaħ ir-relazzjoni bejniethom.

Seduta 27
03/10/2022

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAULE – ANZJANI LI QED JISTENNEW TRASFERIMENT**

**2513. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kull meta jsir assessment fuq kull anzjan li jidħol fir-Residenza San Vinċenz de Paule? Jista' jgħid ukoll minn min isir dan l-assessment? Jista' jgħid ukoll jekk l-assessment ikunx jinkludi wkoll rakkomandazzjonijiet ta' f'liema sala għandu jitpoġġa l-anzjan? Jekk huwa l-każ, jista' jgħid jekk hemmx anzjani li għadhom jistennew li jiġu trasferiti fis-sala rakkomandata u jgħid ukoll għaliex sa issa ma sarx dan it-trasferiment?

28/09/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li kull anzjan/a meta tidħol fil-faċilità għall-Kura fit-Tul San Vinċenz de Paul, tiġi assessjata minn tim ta' professjonisti multidixxiplinarju li jinkludi tobba, nurses, fiżjoterapisti, occupational therapists, podjatristi u speech therapists fost oħrajn. Tali assessjar isir b'mod regolari mit-tobba u l-infermiera megħjuna mit-tim multidixxiplinarju. Meta l-persuna turi sintomi jew imġiba li tindika li l-pazjent ma jkunx idoneju li jgħix f'sala komuni ssir rakkomandazzjoni sabiex il-persuna titmexxa għal post aktar sigur bħal 'closed wards' u tali trasferiment isir fl-aqsar żmien possibbli.
Seduta 27
03/10/2022

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL – KUMPANIJA TAS-SIGURTÀ**

**2514. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm kumpaniji ta' sigurtà jagħtu servizz ġewwa r-Residenza San Vinċenz de Paule qabel l-għejbien tal-anzjan li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament fit-28 ta' Ġunju 2022? Jekk iva, jista' l-Ministru jgħid liema kumpaniji kienu qed jagħtu dan is-servizz? Jekk le, jista' jgħid kemm hemm illum, kumpaniji ta' sigurtà li qed jagħtu dan is-servizz ġewwa r-Residenza San Vinċenz de Paule? Jista' jagħti lista ta' dawn il-kumpaniji kif ukoll il-ħlas li qed isir lil kull kumpanija għas-servizz li qed jagħtu?

28/09/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li ġewwa San Vinċenz ma kienx hemm kumpanija tas-sigurtà ġewwa San Vincenz qabel it-28 ta' Ġunju 2022.
Il-kumpaniji li qed jagħtu servizz bħalissa huma C.A.M.C. Security Ltd, Executive Security Services Ltd, JF Security Ltd, Signal 8 Security Services Malta Ltd u Group4 Security Services Ltd.
Il-ħlas qed isir skont ir-rata ta' ħlas għas-sena 2022 li jidher fiċ-ċirkulari numru 21/2021 maħruga mid-Dipartiment tal-Kuntratti bid-data tal-23 ta' Diċembru 2021.

Seduta 27
03/10/2022

**SKEMA CARER AT HOME**

**2515. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandna anzjani llum fil-komunità li qed jingħataw appoġġ finanzjarju għaliex jimpjegaw carer tal-għażla tagħhom biex jaqdihom fil-ħtiġijiet tagħhom ta' kuljum? Jista' jgħid kemm anzjani bbenefikaw minn din l-għajnuna, minn meta bdiet l-iskema Carer at Home fis-sena 2016, maqsuma sena b'sena?

28/09/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi n-numru ta' anzjani li fil-preżent qed jirċievu l-benefiċċju taħt l-iskema tal-Carer at Home huwa ta' 652.
In-numru totali ta' persuni li bbenefikaw minn meta bdiet l-iskema huwa kif ġej:
2016: 63
2017: 207
2018: 372
2019: 514
2020: 640
2021: 790
2022 (sal-lum): B'kollox ġew megħjuna 786, imma n-numru attwali li huma megħjuna hu ta' 652.

Seduta 27
03/10/2022

**SKEMA CARER AT HOME - KWALIFIKI**

**2516. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid xi kwalifiki għandhom bżonn ikollhom il-carers li jintgħażlu mill-anzjani taħt l-iskema Carer at Home?

28/09/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi l-Carers impjegati mill-anzjani taħt l-iskema tal-Carer at Home irid ikollhom kwalifika rikonoxxuta ta' Carer. Għaldaqstant fir-rigward ta' kwalifika ottenuta minn barra minn Malta hija meħtieġa l-ekwivalenza mingħand il-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC). Din tista' tkun meħtieġa wkoll meta l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità jara l-bżonn tagħha.

Seduta 27
03/10/2022

**STATISTIKA TA' ĦLAS TA' KONTIJIET TA' DAWL U ILMA**

**2525. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra statistika ta' kemm jitħallas fis-sena għad-dawl u l-ilma kontijiet separati, maqsumin fi brackets speċifiċi (eż. inqas minn €500, bejn €500 u €1,500, bejn €1,500 u €2,500 eċċ.), u f'tabelli separati skont it-tip ta' kont (residenzjali, domestiċi u industrijali)?

28/09/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 27
03/10/2022

**ENEMALTA – PUBBLIKAZZJONI TA' TAĦLITA TA' FUEL JEW SORSI TA' ENERĠIJA DIFFERENTI**

**2526. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid għaliex l-Enemalta ma ppubblikatx it-taħlita ta' fuels jew sorsi ta' enerġija differenti (fuel mix) li użat biex tipprovdi l-elettriku lill-klijenti tagħha u s-$CO^2$ emission factor li jikkorrispondi ma' din it-taħlita ta' fuel, skont ir-regolamenti 8(6)(a) u (b) tar-Regolamenti tas-Suq tal-Elettriku (S.L. 545.13), għas-snin 2020 u 2021?

28/09/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-verità l-informazzjoni għas-sena 2020 diġà hija ppubblikata u fil-fatt tidher fuq il-websajt tal-Enemalta. Sabiex ngħin aħjar lill-Onor. Interpellant qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella b'tali informazzjoni. Sadanittant l-informazzjoni għas-sena 2021 għadha mhix konkluża peress li tiddependi minn sorsi terzi barranin dwar l-emmissjonijiet marbutin mal-enerġija mixtrija minn fuq l-interconnector. Normalment din it-tip ta' informazzjoni toħroġ fl-aħħar kwart tas-sena ta' wara u allura f'dal-każ fl-aħħar kwart tas-sena 2022.

Seduta 27
03/10/2022

**KONĊESSJONI GĦAT-TIFTIX U T-TĦAFFIR TAŻ-ŻEJT**

**2527. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il konċessjoni għat-tiftix u t-tħaffir taż-żejt ingħatat mis-sena 2000 sal-lum, x'tip ta' konċessjoni ngħatat, lil min, u fejn ingħataw?

28/09/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 27
03/10/2022

**KONĊESSJONI GĦAT-TIFTIX U T-TĦAFFIR GĦAŻ-ŻEJT**

**2529. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra kemm-il konċessjoni għat-tiftix u t-tħaffir għaż-żejt hemm fis-seħħ u attivi bħalissa? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm konċessjonijiet attivi għal kull sena mis-sena 2000 'l hawn?

28/09/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 27
03/10/2022

**IMĠARR (MALTA) – TRIQ SIR HARRY LUKE – PROBLEMA TAD-DRENAĠĠ**

**2539. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk hix infurmata bil-problema tad-drenaġġ li hemm fi Triq Sir Harry Luke fl-Imġarr, minħabba li dan mhux qiegħed ilaħħaq mad-domanda bil-konsegwenza li qiegħed ifur fit-triq? (Wieħed jinnota wkoll li din it-triq għandha bżonn ukoll ta' xogħol infrastrutturali minħabba li tinsab fi stat ħażin u li minnha qiegħed jgħaddi ħafna mit-traffiku li ħiereġ mill-Imġarr minħabba t-tibdil li sar fl-immaniġġar tat-traffiku).

29/09/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għar-risposta li tajt għall-Mistoqsija Parlamentari numru 2208 li kien għamel huwa stess.

Seduta 27
03/10/2022

**AMBAXXATA FL-INDJA GĦAL MALTA – ĦRUĠ TA’ VISAS**

**2540. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu Visas mill-Ambaxxata fl-Indja għal Malta matul dawn l-aħħar 12-il xahar, xahar b'xahar?

29/09/2022

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-aħħar 12-il xahar, jiġifieri mid-29 ta’ Settembru 2021 sad-29 ta’ Settembru 2022, il-Kummissjoni Għolja Maltija fi New Delhi, l-Indja, ħarġet total ta’ 13,140 viża. Hawn taħt għandek issib tabella bin-numru ta’ viżi li ħarġu xahar b’xahar matul il-perjodu msemmi hawn fuq:

| Xahar | Numru ta’ viżi maħruġa |
|---|---|
| Settembru 2021 | 164 |
| Ottubru 2021 | 496 |
| Novembru 2021 | 1,029 |
| Diċembru 2021 | 683 |
| Jannar 2022 | 736 |
| Frar 2022 | 1,015 |
| Marzu 2022 | 887 |
| April 2022 | 614 |
| Mejju 2022 | 637 |
| Ġunju 2022 | 2,023 |
| Lulju 2022 | 2,940 |
| Awwissu 2022 | 1,759 |
| Settembru 2022 | 157 |
| TOTAL | 13,140 |

Seduta 27
03/10/2022

**BAGĦAL TAŻ-ŻUNŻAN (HORNET) - ĦIDMA U MIŻURI**

**2541. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'ħidma qiegħda ssir u x'miżuri qegħdin jittieħdu dwar il-bagħal taż-żunżan (hornet) biex ma jkomplix jagħmel aktar ħsara u jkun ta' detriment għal saħħitna?

29/09/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 27
03/10/2022

**DIPARTIMENT TAS-SAJD U L-AKWAKULTURA – ĦADDIEMA**

**2542. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti l-persentaġġ tal-ħaddiema fid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura li ilhom jaħdmu f'dawn l-aħħar ħames snin f'dan id-Dipartiment? X'qed isir biex l-għarfien u l-esperjenza li tinkiseb mill-istess ħaddiema tibqa' miżmuma fid-Dipartiment, bil-għan li nibżgħu għar-riżorsi marittimi (ħut) li Malta mdawra bih?

29/09/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 27
03/10/2022

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBA BIL-MIKTUB

### ĦAL QORMI - TRIQ SAN EDWARDU U TRIQ BELLIC BELLIĊ – QTUGĦ TA' DAWL

**W5. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Peress li kien hemm numru ta' lmenti minn residenti fi Triq San Edwardu u Triq Bellic, f'Ħal Qormi u żoni fil-madwar dwar qtugħ ta' dawl b'mod frekwenti ħafna matul il-perjodu tas-sajf u li dan qed joħloq inkonvenjenrt kbir għar-residenti Qriema, tista' l-Ministru tgħid x'qed isir b'mod konkret biex din il-problema tiġi indirizzata?

08/07/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Enemalta għaddejja bi programm vast ta' xogħlijiet biex issaħħaħ is-sistema tad-distribuzzjoni inkluż f'Ħal Qormi. Fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju saru xogħlijiet ta' bbilanċjar fuq il-low voltage fi Triq Belliċ. Sa nofs Ottubru huwa ppjanat li jitlesta x-xogħol ta' rinfurzar inkluż tqiegħed ta' LV feederġdid. Dan għandu isaħħaħ id-distribuzzjoni tal-elettriku fi Triq San Edwardu.
Seduta 27
03/10/2022

### LOTTERIJA RĊEVUTI FISKALI - REBBIEĦA RIPETUTI

**W6. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jindaga jekk fil-Lotterija Rċevuti Fiskali hux qed jiġi osservat livell aċċettabbli ta' trasparenza, in vista tan-numru ta' drabi ta' rebħ mill-persuna li qed tiġi indikata separatament? Jistax jgħid jekk infetħitx diġà investigazzjoni?

08/07/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nixtieq ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rapport annwali tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika dwar il-kontijiet pubbliċi 2017 li ġie ppubblikat fl-2018 kien għamel numru ta' rakkomandazzjonijiet dwar il-Lotterija tal-Irċevuti Fiskali. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew implimentati kif irrappurtat fil-ħarġa "Governance Action on the annual report by NAO on public accounts 2017 and other NAO reports 2018" maħruġa mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni, Uffiċċju tal-Prim Ministru f'Lulju tas-sena 2019. Nista' nikkonferma li x-xogħol fuq dawk ir-rakkomandazzjonijiet li kien ġie rrappurtat u li kien għadu għaddej fosthom urna ġdida u post ġdid minn fejn tittella' l-lotterija tlesta kollu.

Fuq okkorenzi simili li kienu seħħu fil-passat id-Direttorat għall-Awditjar Intern u l-Investigazzjonijiet kien għamel investigazzjoni finanzjarja li ġiet konkluza f'Diċembru 2021 u ma nstabet ebda irregolarità.

Minkejja dan kollu, id-Direttorat għall-Awditjar Intern u l-Investigazzjonijiet xorta reġa' ntalab biex jinvestiga. Din l-investigazzjoni ġiet konkluża fit-18 ta' Lulju 2022 u għal darb'oħra l-proċess instab li kien trasparenti u ma ġew innutati ebda anomaliji.

Seduta 27
03/10/2022

### ĊENTRI TAS-SAĦĦA – URINE DIPSTICKS

**W8. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm se jdum in-nuqqas ta' urine dipsticks fiċ-Ċentri tas-Saħħa, liema nuqqas qed iżomm lit-tobba milli jagħmlu dijanjosi bażika ta' mard li jista' jiġi identifikat minn dan it-test fuq l-awrina, speċjalment fuq tfal u nisa tqal?

21/07/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ċ-Ċentri tas-Saħħa kollha huma mgħammra b'urine dipsticks tat-tip '5-marker'. Dawn jintużaw regolarment u ma hemmx nuqqas tagħhom.

Seduta 27
03/10/2022

**ĊENTRI TAS-SAĦĦA TAL-FURJANA U RAĦAL ĠDID – SERVIZZ TAL-X-RAY**

**W9. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jikkonsidra li s-servizz tal-X-Ray offrut miċ-Ċentri tas-Saħħa tal-Floriana u Raħal Ġdid jiġi estiż għall-ħinijiet kollha 24/7 kif ukoll fil-Ħdud u l-festi pubbliċi, sabiex il-pazjenti li jżuru ċ-ċentri bi ksur u wġigħ wara s-7 p.m. ma jkollhomx għalfejn jintbagħtu fiċ-Ċentru tal-Mosta sabiex isirilhom l-X-ray u jerġgħu jiġu invistati u jitwalilhom il-ħin ta' stennija?

21/07/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi għaddej il-proċess sabiex jiżdidu s-sigħat fis-servizz tar-radjografija f'numru ta' Ċentri tas-Saħħa.

Seduta 27
03/10/2022

**ĦAL QORMI – SKOLA PRIMARJA TA' SAN ĠORĠ – XOGĦLIJIET**

**W11. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Fid-dawl li l-Iskola Primarja ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi tinsab f'stat ħażin kemm għall-istudenti kif ukoll għall-edukaturi, u peress li ilu jingħad li se jibda x-xogħol dwar din l-iskola imma s'issa jidher li għadu ma sar xejn fil-konkret u peress li ftit tal-ġimgħat oħra terġa' tibda s-sena skolastika l-ġdida, jista' l-Ministru jispjega għalfejn ix-xogħol fuq l-Iskola Primarja ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi għadu ma bediex? Jista' jagħti d-dettalji tat-timeframes dwar ix-xogħlijiet u meta effettivament għandu jispiċċa x-xogħol fuq din l-iskola?

03/08/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi dawn ix-xogħlijiet jinsabu fi stadju kruċjali fejn qegħdin isiru diskussjonijiet dwar l-arranġamenti loġistiċi.

Seduta 27
03/10/2022